QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef David Scicluna – Aġent President**
**Onor. Imħallef Abigail Lofaro**
**Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon**

**Seduta ta' nhar-it Tlieta 12 ta' Jannar 2016**

**Att ta' Akkuża**
**Nru. 44/2007**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Andrea Zammit**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-Att ta' Akkuża miġjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali fit-13 ta' Novembru 2007 kontra **Andrea Zammit** li permezz tiegħu l-istess Avukat Ġenerali akkużah talli (1) assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organiżża jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni; (2) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-

droga raża meħuda mill-pjanta cannabis kontra l-liġi; (3) kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li kellhom bħala bażi din ir-raża kontra l-liġi, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklużżiv tiegħu; (4) kellu fil-pussess tiegħu xi għasafar, ħajjin jew mejtin, jew parti minn għasafar, jekk ma kinux xi għasafar inklużi fl-Iskedi I, II jew III li jinsabu mar-Regolamenti tal-Avviż Legali 146 tal-1993, u ma ppruvax li dawk l-għasafar, jew parti minnhom, kienu importati b'mod leġittimu jew li kienu mrobbija fil-maqful jew li kienu reġistrati mad-Direttur skond ir-Regolamenti 12 (1) u 25 (2) (a) u l-I, II u III Skeda tal-Avviż Legali 146 tal- 1993 kif sussegwentement emendat;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-18 ta' Marzu 2010 li permezz tagħha dik il-Qorti, wara li rat il-verdett tal-ġurati li bih b'seba' (7) voti favur u b'żewġ (2) voti kontra sabu lill-imsemmi Andrea Zammit hati ta' l-ewwel tliet Kapi ta' l-Att tal-Akkuza w bi tmin (8) voti favur u b'wiehed (1) kontra sabuh hati tar-Raba' Kap ta' l-Att ta' Akkuża, iddikjarat għalhekk lill-istess Andrea Zammit ħati talli:

(1) fil-lejl ta' bejn il-wieħed u għoxrin u tnejn u għoxrin ta' Diċembru tas-sena 2005 assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina w droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organiżża jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni, w dana skond l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuża;

(2) fit-22 ta' Dicembru 2005 u x-xhur ta' qabel, forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga raża meħuda mill-pjanta cannabis speċifikata fit-Tielet Taqsima ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap.101) lil persuna jew għal xi persuna mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta w mingħajr ma kien awtoriżżat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Mediċini Perikolużi jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija w mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga, w dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża;

(3) fil-lejl bejn il-21 u t-22 ta' Diċembru 2005 kellu fil-pussess tiegħu d-droga raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża, li ghalihom tapplika it-Taqsima III tal-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi, 1939 (Kap.101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-esportazzjoni jew importazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond

id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizżat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta w ma kienx awtorizżat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Mediċini Perikolużi (G.N.292/39) jew b'xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu w dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b'dan, li r-reat kien wieħed taħt tali cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-użu esklussiv tieghu, w dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuża;

(4) fit-22 ta' Diċembru 2005, kellu fil-pussess tiegħu xi għasafar, ħajjin jew mejtin, jew parti minn għasafar, jekk ma kinux xi għasafar inklużi fl-Iskedi I, II jew III li jinsabu mar-Regolamenti tal-Avviż Legali 146 tal-1993, u ma ppruvax li dawk l-għasafar, jew parti minnhom, kienu importati b'mod leġittimu jew li kienu mrobbija fil-maqful jew li kienu reġistrati mad-Direttur skond ir-Regolamenti tal-Avviż Legali 146 tal-1993 kif sussegwentement emendat, u dana skond ir-Raba' Kap tal-Att tal-Akkuża;

**3.** Rat illi bl-istess sentenza l-ewwel Qorti, wara li rat l-artikoli 8(a)(b), 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(c)(d), 22(f), 22(2)(a)(i)(aa)(bb) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101), u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tal-Mediċini Perikolużi (G.N. 292/39), ir-Regolamenti 12(1) u 25(2)(a) u l-I, II u III Skeda tal-Avviż Legali 146 tal-1993 dwar il-Ħarsien tal-Għasafar u tal-Fenek Selvaġġ, u l-artikoli 17(f)(h), 20, 22, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, ikkundannat lill-ħati Andrea Zammit għall-piena ta' tmintax-il sena priġunerija, u għall-multa komplessiva ta' ħamsin elf Ewro (€50,000) li jekk ma titħallasx puntwalment tiġi konvertita f'terminu ulterjuri ta' tmintax-il (18) xahar priġunerija kif ukoll li jħallas is-somma ta' elfejn mija u disgħa w sittin Euro u tletin Euro ċenteżmi (€2169.30) import ta' l-ispejjeż tal-perizji, eccetto dawk ta' Dr. Richard Sladden u ta' Dr. Stephen Farrugia Sacco, li ma sar ebda użu minnhom f'dan il-proċess kontra l-ħati. Ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' l-oġġetti kollha li dwarhom saru r-reati u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli w immobbli oħra tal-ħati. Ordnat li jekk l-ispejjeż tal-perizji ma jitħallsux fi żmien ħmistax-il jum mid-data tas-sentenza appellata, jiġu konvertiti f'terminu ta' priġunerija skond il-liġi. Finalment, sakemm l-Avukat Ġenerali ma jindikax b'nota – li għandha tiġi preżentata fi żmien ħmistax-il jum mid-data tas-sentenza appellata – li d-droga esebita hija meħtieġa in konnessjoni ma xi proċeduri kriminali kontra terzi persuni, ordnat li d-droga kollha esebita u l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu magħha jiġu distrutti a kura tal-ispiżjar Mario Mifsud u taħt is-sorveljanza diretta tad-Deputat Reġistratur ta' din il-Qorti, li għandu jagħmel verbal ta' tali distruzzjoni u jġibu

a konjizzjoni ta' dik il-Qorti b'nota appożita li kopja tagħha tigi notifikata lill-Avukat Generali u lill-ħati. Dan ukoll wara li l-ewwel Qorti rat il-fedina penali aġġornata tal-ħati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti u eżaminata mid-difiża, u kkunsidrat is-segwenti:

> "Qieset is-sottomissjonijiet KOLLHA tal-abbli difensur Dr. Emanuel Mallia, li jinsabu kollha registrati w senjatament, imma mhux biss, is-segwenti:-
>
> 1. l-eta' pjuttost avvanzata tal-hati;
>
> 2. li kien ilu jistenna ghal erba' snin u tliet xhur biex dan il-process jigi konkluz u fil-frattemp ma setax ikompli bl-attivita` lavorattiva tieghu;
>
> 3. illi l-fedina penali aggornata tal-hati kienet tinkludi numru ta' kontravenzjonijiet biss hlief ghal ksur wiehed tal-ligi tad-dwana li jirrisali ghal 1998 u ghalhekk il-Qorti kellha tqis dan kollu fil-latitudni tal-piena li taghtiha l-ligi.
>
> "Qieset dak li qal l-abbli prosekutur Dr. Jason Grima w cioe` li l-piena f'dan il-kaz kellha necessarjament tirrifletti l-ammont konsiderevoli tad-droga w trid issir differenza mill-piena moghtija lil Ekrami Mobarak li kien ammetta mill-ewwel il-htija tieghu w ghalhekk ibbenefika mir-riduzjoni fil-piena.
>
> "Qieset ukoll illi r-reati taht l-Ewwel u t-Tielet Kapi f'dan il-kaz partikolari, servew bhala mezz biex sar ir-reat kontemplat fit-Tieni Kap u ghalhekk skond l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9, ghandha tinghata l-piena biss ghar-reat taht it-Tieni Kap.
>
> "Qieset li l-piena ghar-reat ta' traffikar tar-raza mehuda mill-pjanta cannabis, meta l-kaz jigi deciz minn din il-Qorti hija ta' prigunerija ghall-ghomor u l-multa relattiva ta' mhux inqas minn €2,329.37 izda mhux izjed minn €116,468.67, izda meta l-verdett tal-guri ma jkunx unanimu, kif ukoll meta l-Qorti tkun tal-fehma li l-kwantita` tal-medicina involuta fir-reat u c-cirkostanzi kollha tar-reat, il-piena ta' prigunerija ghal dik ta' ghomor ma tkunx dik xierqa, il-persuna misjuba hatja tkun suggetta ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn erba' snin izda mhux izjed minn tletin sena w multa ta' mhux inqas minn Euro 2,329.37 izda mhux izjed minn Euro 116,468.67. Qieset li mill-fedina penali aggornata tal-hati jidher li kellu erbatax-il kundanna ghar-reati kontravenzjonali, tat-traffiku jew amministrattivi. Kellu mbaghad kundanna ghal danni volontarji w ohra ghal ksur tal-ligijiet tad-dwana fejn gie kkundannat ghal tmintax-il (18) xahar prigunerija sospizi ghal sentejn u multa ta' LM 29,981.51c."

**4.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Andrea Zammit ippreżentat fis-6 ta' April 2010 fejn talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux ħati u tilliberah minn kull piena u ħtija skond il-liġi u f'każ li tikkonferma s-sentenza appellata u tinstab ħtija illi tvarja u timmodifika s-sentenza kwantu piena u tinfliġġi piena anqas u ekwa skond il-liġi;

**5.** L-appellant Andrea Zammit għandu diversi aggravji li sejrin jiġu kkunsidrati *seriatim.*

**6.** **Fl-ewwel lok** l-appellant jgħid illi kien hemm irregolarita\` matul il-kawża u applikazzjoni u interpretazzjoni ħażina tal-liġi stante li l-eċċezzjoni ta' rikuża ta' l-Imħallef sedenti fil-Qorti Kriminali kellha tiġi akkolta.

**7.** Jirriżulta mill-atti li fil-15 ta' Marzu 2010, saret talba għar-rikuża ta' l-Imħallef. Id-difiża rreġistrat is-segwenti verbal:

> "Dr Mallia jirrileva illi xhud ewlieni f'din il-kawża huwa ċertu Mobarak illi meta ammetta fi proċeduri separati quddiem din il-Qorti, din il-Qorti kienet aċċettat il-qbil bejn il-partijiet li l-istess Mobarak kellu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101 u għalhekk jiġi li din il-Qorti diġa\` impliċitament aċċettat il-verżjoni ta' Mobarak li huwa żvela l-isem ta' min fornieh bid-droga, li jfisser li allura fil-każ odjern meta d-difiża ser tipprova tipprova l-oppost, diġa\` qed tirrinfaċċja Qorti li fl-umli fehma tagħha min qed jippresjediha diġa\` aċċetta, minħabba l-istess sentenza, li dak li kien allega l-istess Mobarak hu veritjer, u kwindi d-difiża tħoss illi għandha tingħata deċiżjoni fuq dan il-punt, li minħabba biss dan il-prinċipju u anke biex ikun hemm deċiżjoni formali, qed tintalab ir-rikuża."

**8.** L-Avukat Dottor Jason Grima għall-prosekuzzjoni ssottometta li meta l-Qorti Kriminali kif ippresjeduta kienet tat is-sentenza ta' Mobarak hija ma ddeċidiet ebda mertu iżda sempliċement aċċettat dak li ddikjarat il-prosekuzjoni li l-akkużat Mobarak kellu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101.

**9.** L-ewwel Qorti, kif allura presjeduta, ċaħdet it-talba ta' rikuża b'dan id-digriet:

> **"Il-Qorti,**
>
> **"Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet u, kif korrettement irrileva l-prosekutur, meta hija ddeċidiet il-każ ta' Mobarak, ma ddeċidietx il-mertu għax dan kien ġie ammess mill-istess Mobarak iżda, fit-trattazzjoni dwar il-piena, kull ma għamlet kien li applikat l-artikolu 29 tal-Kap. 101 għaliex il-prosekuzzjoni f'dik il-kawża kienet iddikjarat illi l-akkużat Mobarak kien jimmerita l-applikazzjoni ta' dak l-artiolu. Din il-Qorti tagħmilha ċara li la dakinhar tal-kawża ta' Mobarak u lanqas sakemm rat ir-rikors tad-difiża tat-8 ta' Marzu 2010 u sa meta ġiet biex tagħti d-digriet fl-10 ta' Marzu 2010 ma kellha l-iċken ideja remota li l-każ tallum b'xi mod kien konness mal-każ ta' Mobarak, u għalhekk assolutament qed tersaq biex tippresjedi dan il-ġuri mingħajr l-iċken ombra ta' preġudizzju soġġettiv jew oġġettiv kontra l-akkużat odjern. F'kull każ, il-mertu f'dan il-ġuri mhux ser jiġi deċiż minnha imma mid-disa' ġurati maħturin skond il-liġi, u għalhekk ma hemm ebda bażi biex din il-Qorti tirrikuża ruħha għaliex din il-Qorti qatt ma esprimiet la direttament u lanqas indirettament xi fehma dwar il-ħtija o meno ta' l-**

**akkużat odjern. Għaldaqstant tiċħad l-eċċezzjoni tar-rikuża u tordna l-prosegwiment tal-ġuri.”**

**10.** Issa, l-appellant jgħid illi meta ta l-eċċezzjoni ta’ rikuża, l-Imħallef sedenti esklama illi din l-eċċezzjoni setgħet ingħatat qabel dak il-jum li fiha ngħatat. L-appellant jgħid illi dan mhuwiex korrett u jagħmel referenza għall-artikolu 446(1) tal-Kodiċi Kriminali li jistipula żewġ stadji meta tista’[1] tingħata din l-eċċezzjoni, u cioe` **“qabel il-qari tal-att tal-akkuża meta l-akkużat jitqiegħed fl-isbarra”,** u dan jew **“fil-jum stabbilit għas-smigħ tal-eċċezzjonijiet preliminari, jew, jekk l-ebda eċċezzjoni ma tkun ingħatat, fil-jum stabbilit għas-smigħ tal-kawża.”** L-appellant jgħid illi hu ma setax jagħti din l-eċċezzjoni fl-ewwel stadju peress illi l-Att ta’ Akkuża fil-konfront tiegħu ġie ppreżentat fit-13 ta’ Novembru 2007 filwaqt illi l-każ ta’ Mobarak ġie deċiż fis-26 ta’ Novembru 2007, u huwa ma kienx edott illi l-każ ta’ Mobarak kien ġie deċiż.

**11.** Issa, f’dan il-każ ma ġewx ippreżentati eċċezzjonijiet. Jirriżulta mbagħad li l-ewwel jum stabbilit għas-smiegħ tal-kawża kien id-9 ta’ Ġunju 2008 u mhux il-15 ta’ Marzu 2010. Kull ma ġara dakinhar kien li d-difensur ta’ l-appellant preżenti ddikjara li l-kawża ser tkun kontestata, u ġiet differita *sine die* sakemm tinstema’ quddiem il-ġurati meta jmissha t-turn tagħha. Jiġifieri kienu diġa` għaddew iżjed minn sitt xhur minn mindu ngħatat is-sentenza ta’ Mobarak. Fi kwalunkwe każ, meta eventwalment saret it-talba fil-15 ta’ Marzu 2010, il-jum appuntat għas-smiegħ tal-ġuri, qal x’qal l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri, l-ewwel Qorti xorta kkunsidrat il-mertu tat-talba ta’ l-appellant.

**12.** Fid-digriet tagħha l-ewwel Qorti tirreferi għal rikors ta’ l-appellant tat-8 ta’ Marzu 2010 u d-digriet tagħha ta’ l-10 ta’ Marzu 2010. Permezz ta’ dan ir-rikors l-appellant talab li l-Qorti Kriminali tordna li dak li ġie reġistrat fis-26 ta’ Novembru 2007 fil-każ ta’ Mobarak jingħata lilu permezz tal-*cassette recordings* appożiti sabiex jirregola ruħu a bażi ta’ l-artikolu 737 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-artikolu 446(1) tal-Kodiċi Kriminali. L-appellant jgħid illi l-iskop kien sabiex id-difiża “tisma’ jekk b’xi mod il-Qorti esprimietx ruħha dwar l-iskop għalfejn Mobarak kien se jixhed jew jekk (kif wara, waqt il-ġuri odjern Mobarak allega bil-ġurament) li kien l-istess Imħallef li kien qallu biex jixhed.” L-appellant jgħid illi meta l-ewwel Qorti laqgħet it-talba limitatament billi ordnat illi tingħata biss kopja tax-xiehda li ta Mobarak minflok ta’ x’ġara waqt is-seduta intiera, “ħalla lid-difiża mingħajr stampa kompleta”. Fil-fatt talab ukoll illi din il-Qorti tirrevoka *contrario imperio* d-digriet imsemmi ta’ l-10 ta’ Marzu 2010 ħalli d-difiża jkollha stampa sħiħa ta’ dak li seta’ ġara.

---

[1] Il-liġi fil-fatt tgħid **“għandha”**

**13.** Din il-Qorti hi tal-fehma illi huwa mmaterjali jekk l-Imħallef sedenti fil-Qorti Kriminali qalx lil Mobarak biex jixhed jew le. La Mobarak xehed quddiem il-Qorti Kriminali, dan għamlu volontarjament – bħalma hemm fis-sentenza ta' Mobarak[2], **"minn jeddu"**. Wara kollox mill-istess sentenza jirriżulta illi xehed ukoll quddiem dik il-Qorti l-Ispettur Dennis Theuma li qal li Mobarak kien diġa` xeħed fl-Inkjesta Maġisterjali u fil-kumpilazzjoni. Il-piena li ngħatat fil-fatt kienet ir-riżultat ta' proċess ta' *sentence-bargaining*. Għalhekk qed tiġi miċħuda t-talba għar-revoka *contrario imperio* tad-digriet ta' l-10 ta' Marzu 2010.

**14.** L-Avukat Ġenerali, fir-risposta tiegħu, jgħid illi ma jeżisti ebda dritt ta' appell minn deċiżjoni ta' ġudikant fuq ir-rikuża tiegħu. F'dar-rigward din il-Qorti sejra tirreferi għad-deċiżjoni tagħha fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ibrahim Ramandan Ghamber Shnishah** mogħtija fil-15 ta' Novembru 2004. F'dak il-każ, quddiem il-Qorti Kriminali kienet saret talba għar-rikuża ta' l-Imħallef sedenti, liema talba ġiet miċħuda. L-akkużat appella minn dik id-deċiżjoni u din il-Qorti (kif diversament komposta), qalet hekk:

> "Din il-Qorti tibda biex tghid li ghandha d-dubbji taghha kemm seta' jsir appell mid-decizjoni tat-8 ta' Novembru, 2004 li permezz taghha giet michuda l-eccezzjoni tar-rikuza, u dan in vista ta' dak li jiddisponu s-subartikoli (1) u (2) tal-Artikolu 499 tal-Kodici Kriminali b'referenza ghall-Artikolu 449 tal-istess Kodici. Il-Qorti, pero`, tosserva li f'kaz simili deciz fit-23 ta' Jannar, 2001 fil-kawza fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Meinrad Calleja*** din il-Qorti - allura diversament komposta[3] - kienet irriteniet li ghandha tmur mill-ewwel ghall-qofol tal-vertenza minghajr ma tidhol fi kwistjonijiet procedurali, u dan principalment in omagg ghall-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. In fatti din il-Qorti f'dik id-decizjoni kienet esprimiet ruhha fis-sens li aktar importanti minn jekk setax effettivament isir appell bil-mod kif sar u meta sar, *'...hu hafna aktar essenzjali u fondamentali li jigi deciz jekk oggettivament hemmx raguni valida biex l-Onorevoli Imhallef Dr. Vincent DeGaetano li lilu gie assenjat il-kaz prezenti, ghandux jastjeni ruhu, indipendentement jekk din hix strettament eccezzjoni ta' rikuza jew hekk hijiex talba specjali u* sui generis *biex huwa ma jibqax jiehu konjizzjoni tal-kaz. Dan s'intendi fid-dawl ta' dak li tiddisponi l-ligi taghna, kif ukoll ta' dak li minn zmien ghal zmien gie deciz mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li ghaliha jaghmel riferenza ampja l-appellant fir-rikors ta' l-appell tieghu...jekk din il-Qorti jirrizultalha li jezistu ragunijiet sufficjenti biex, fil-fehma taghha, l-Onorevoli Imhallef DeGaetano ma jkomplix jippresjedi f'dan il-kaz bhala l-Imhallef tal-Qorti Kriminali, allura din il-Qorti tahseb li dan [l-]aspett ghandu mbghad jippermea u jikkondizzjona l-kumplament tas-sentenza billi llum ma jistax ikun hemm dubbju illi fl-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti kif ukoll Qrati ohra Maltin, ghandhom izommu quddiem ghajnejhom u jaghtu kaz ta' decizjonijiet rilevanti li jkunu hargu minn Strasbourg kif anke mill-Onorabbli*

[2] **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ekramy Fadl Alla Abdel Aziz Mobarak**, 26 ta' Novembru 2007.
[3] J. Said Pullicino, Prim Imhallef u C.A. Agius u N.V. Arrigo, Imhallfin.

*Qorti Kostituzzjonali…Ukoll din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha tidhol fil-kwistjonijiet legali xejn cari dwar jekk f'kaz bhal dan hux permissibbli appell bhalma fil-fatt sar…Huwa evidenti li d-disposizzjonijiet rilevanti mill-Kodici Kriminali kienu jezistu qabel ma twieldet din il-Qorti u qabel ma gew introdotti fil-Kodici Kriminali id-disposizzjonijiet li jirregolaw l-appelli quddiem din il-Qorti. Dan forsi jikkontribwixxi ghal mizura qawwija ta' dubbju li ghandha tmur favur il-legalita` ta' dan l-appell. Pero`, tenfasizza din il-Qorti, kollox jiddependi minn jekk oggettivament hemmx valur fis-sottomissjoni ta' l-appellant illi l-Onorevoli Imhallef DeGaetano jmissu jaccetta t-talba ghar-rikuza tieghu jew jastjeni milli jkompli jiehu konjizzjoni ta' dan il-kaz…'* Din il-Qorti hi tal-fehma li hekk ukoll ghandha taghmel <u>f'dan il-kaz</u>, u cioe` li tara jekk oggettivament hemmx xi raguni li tiggustifika r-rikuza tal-Onorevoli Imhallef Galea Debono."

**15.** Għalhekk anke f'din il-kawża, mhuwiex il-każ li din il-Qorti ma tikkunsidrax l-appell mid-digriet ta' l-ewwel Qorti li ma tilqax it-talba għal rikuża.

**16.** L-appellant jirreferi għall-artikolu 734(d)(ii) tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, reż applikabbli għal proċeduri ta' natura penali mill-artikolu 446(2) tal-Kodiċi Kriminali, u li jipprovdi li Imħallef jista' jiġi rikużat:

**"jekk il-kawża kienet ġa ġiet quddiemu bħala imħallef jew bħala arbitru:**

**"Iżda dan ma jgħoddx għal deċiżjoni, mogħtija mill-imħallef, meta ma tkunx qatgħet definitivament il-meritu fil-kwistjoni bejn il-partijiet, u lanqas għal sentenza li teħles *ab observantia*".**

**17.** Fid-dawl ta' x'tipprovdi l-liġi, l-appellant jissottometti:

"Bir-rispett meta l-liġi qiegħda ssemmi 'kawża' trid tindika fatti li jagħtu lok għal każ li s-sostanza tiegħu hu l-istess. Ma hemmx dubju li l-fatti tal-kawża ta' Mobarak huma l-istess bħal każ odjern. Meta imħallef qed jaċċetta, bħal ma għamel fis-sentenza ta' Mobarak, li t-testimonjanza li ta Mobarak (fejn indika lill-esponenti bħala l-persuna li hu kixef) hi veritjera għaliex fuq din il-verżjoni naqqaslu l-piena u applika l-artikolu 29 imsemmi, ifisser li l-istess imħallef hu konvint minn dan. Kieku ma kienx hekk il-Qorti ma kinitx issemmi l-artikolu 29 applikabbli għal Mobarak. Dan ifisser wkoll illi meta fil-kawża odjerna qed tiġi attakkata l-kredibilita` ta' Mobarak, il-Qorti qed tiġi preseduta minn Imħallef illi diġa` ppronunzja ruħu fuq dan. Ifisser illi psikoloġikament fil-moħħ ta' Imħallef simili, dejjem hemm dak il-ħsieb, illi jekk ġurija ssib li Mobarak ma kienx qallu l-verita`, fil-każ tiegħu, l-istess verdett kien ser jikkontrasta ma' dak li kien gia` ġie deċiż fil-każ ta' Mobarak. B'hekk li jkun sar żball ġudizzjarju."

**18.** Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-argument ta' l-appellant huwa mġebbed. L-ewwelnett il-partijiet f'din il-kawża mhumiex l-istess bħal f'dak ta' Mobarak. Il-mertu fil-kwistjoni kontra l-appellant odjern ma kienx ġie maqtugħ diġa` mill-Imħallef sedenti fil-Qorti Kriminali. Fil-każ ta' Mobarak, l-Imħallef sedenti

fil-Qorti Kriminali ma ddeċidiex jekk it-testimonjanza ta' Mobarak kinitx veritjera jew le. Iddeċieda l-ħtija fuq il-bażi li Mobarak kien ammetta. Anke l-piena kienet ġiet maqbula bejn il-prosekuzzjoni u d-difiża fi proċess ta' *sentence-bargaining*. U fir-rigward tal-piena l-prosekuzzjoni stess iddikjarat li kienet sodisfatta li kellu jiġi applikat l-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Ix-xiehda ta' Mobarak kienet semmai rilevanti in vista ta' dak li jipprovdu l-artikoli 453(2) u 453A(2) tal-Kodiċi Kriminali, u allura wkoll sabiex tikkonstata l-ewwel Qorti jekk l-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta kienx fil-fatt applikabbli. Il-fatt li ddikjarat tali artikolu applikabbli ma jfissirx illi dan seta' jkun ta' preġudizzju għall-appellant odjern fejn l-imsemmi Mobarak ġie assoġġettat, kuntrarjament għal dak li ġara fil-proċeduri kontra tiegħu, għal eżami dettaljat u kontro-eżami serrat.

**19.** Din il-Qorti tirreferi mill-ġdid għal dak li ntqal fid-deċiżjoni tagħha fuq imsemmija tal-15 ta' Novembru 2004:

> "... huwa legittimu wiehed jistaqsi wkoll jekk hemmx ragunijiet ohra li 'oggettivament jiggustifikaw' id-dubbju li talvolta l-appellant ghandu, jew donnu ghandu, dwar l-imparzjalita` ta' l-Onorevoli Imhallef sedenti fil-Qorti Kriminali. Dan qed jinghad ghax il-ligi ma tridx li, semplicement ghax parti jew ohra fil-kawza 'thoss' jew 'jidhrilha' li l-gudikant jista' jkun 'parzjali', allura dak il-gudikant ghandu ma jihux konjizzjoni ta' dik il-kawza. Apparti l-obbligu li l-ligi timponi fuq il-gudikant li joqghod f'kull kawza li tigi lilu assenjata skond il-ligi u li jastjeni jew jilqa' eccezzjoni ta' rikuza fil-kazijiet biss fejn ikun <u>legalment</u> gustifikat li huwa ma jkomplix jiehu konjizzjoni ta' dik il-kawza, mhux kull 'hsieb' ta' parzjalita` li jista' talvolta jghaddi minn mohh parti jew ohra, jista' jinghad li huwa 'oggettivament gustifikat'. It-test oggettiv ta' l-imparzjalita`, anke kif mifhum mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jirrikjedi li jkun hemm bazi oggettivament riskontrabbli. Fi kliem l-awturi Harris, O'Boyle u Warbrick *"The objective test of 'impartiality' is comparable to the English Law doctrine that 'justice must not only be done: it must also be seen to be done'. In this context the [European] Court [of Human Rights] emphasises the importance of 'appearances'. As the Court has stated, '[w]hat is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public and, above all, as far as criminal proceedings are concerned, in the accused'* [4]*. In applying the test, the opinion of the party to the case who is alleging partiality is 'important but not decisive'; what is crucial is whether the doubt as to impartiality can be 'objectively justified'* [5]*. If there is a legitimate doubt as to a judge's impartiality, he must withdraw from the case."* [6] Hekk, per ezempju, gie ritenut li s-semplici fatt li Imhallef *"...has also made pre-trial decisions in the case cannot be taken as it itself justifying fears as to his impartiality...what matters is the extent and nature of those decisions."* [7].

[4] ***Fey v. Austria*** A 255-A para 30 (1993).
[5] ***Hauschildt v. Denmark*** A 154 para 48 (1989).
[6] Harris, D. J., O'Boyle, M., Warbrick, C. ***Law of the European Convention on Human Rights*** Butterworths (London), 1995, p. 235.
[7] ***Fey v. Austria*** *ibid.*

**20.** Fil-każ in eżami, is-sentenza li kien ta l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri ma kinitx fil-konfront ta' l-appellant iżda fil-konfront ta' terz. Kieku l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri laqa' t-talba għal rikuża kien ikun qiegħed sempliċement jippermetti forma ta' *forum-shopping*. Għalhekk u għar-raġunijiet diġa` mogħtija, kif ukoll fid-dawl tar-raġunijiet mogħtija mill-ewwel Qorti fid-digriet tagħha tal-15 ta' Marzu 2010, din il-Qorti ma tistax tqis li l-preokkupazzjoni ta' l-appellant hi la oġġettivament ġustifikata u lanqas leġittima. Konsegwentement dan l-ewwel aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**21. Aggravju ieħor** ta' l-appellant fejn jgħid illi kien hemm irregolarita` u l-ewwel Qorti interpretat u applikat il-liġi b'mod ħażin hu fejn l-appellant talab li l-ġuri jiġi xolt u din it-talba ma ntlaqgħetx mill-ewwel Qorti.

**22.** L-appellant bażikament jilmenta li ma kienx hemm *full disclosure* fl-istadju ta' l-Istruttorja. Jgħid li kemm fl-Istruttorja kif ukoll waqt il-ġuri, membri tal-korp tal-Pulizija xehdu li meta arrestaw lil Mobarak huwa kien waħdu filwaqt illi Mobarak kien semma li kien hemm persuni oħra. Waqt il-ġuri meta kien qiegħed jixhed l-Ispettur Dennis Theuma fil-15 ta' Marzu 2010, dan ix-xhud semma għall-ewwel darba li dan kien każ ta' *controlled delivery*. F'dak il-punt id-difiża għamlet is-segwenti verbal:

> "Dr Mallia jiddeplora l-fatt illi x-xhud tal-prosekuzzjoni l-Ispettur Dennis Theuma kien biss f'dan l-istadju li fuq domanda tad-difiża rrivela illi d-*deal* li kien qed isir fis-Saqqajja kien *controlled delivery* magħmul bl-awtorita` tal-Maġistrat Padovani Grima, kif ukoll illi l-inkjesta ma ssemmi xejn dwar dan, u għalhekk peress li din hija prova ġdida d-difiża titlob li tingħata żmien biex tipprepara d-difiża tagħha."

**23.** Għal din it-talba, il-Qorti ddekretat hekk:

> **"Il-Qorti,**
>
> **Rat l-oġġezzjoni tad-difiża;**
>
> **Peress li ma hemm xejn x'josta fil-liġi illi x-xhud wieġeb kif wieġeb del resto għad-domanda li għamlet l-istess difiża, tara li m'hemmx lok għal xi differiment jew posponiment għaliex id-difiża xorta waħda tista' tagħmel xogħolha anke bil-fatt li saret taf b'dan il-fatt issa fuq domanda tagħha stess."**

**24.** L-għada, fis-16 ta' Marzu 2010, meta kien qiegħed jixhed Mobarak, id-difiża talbet konfront ma' l-Ispettur Theuma. Waqt tali konfront, fl-assenza tal-ġurati, saret it-talba għax-xoljiment tal-ġuri:

"Dr. Emanuel Mallia għall-akkużat jagħmel referenza għall-konfront li ġie mitlub u maqbul mill-istess Qorti, fejn il-punt in eżami kien biss jekk meta x-xhud Mobarak qiegħed jgħid illi qatt ma tkellem ma' l-ebda pulizija minn meta ġie arrestat ġos-Saqqajja sal-mument li ttieħed id-Depot kienx konfaċenti ma' dak li kien iddepona l-Ispettur Theuma, u cioe` illi kien l-istess Mobarak illi wassal lill-pulizija għar-razzett in kwistjoni, kif ukoll li kien hu li ndikalhom fuq iċ-ċint li tħalliet l-allegata kaxxa bid-droga, biex wieħed jistabilixxi jekk kienx Mobarak li qed jgħid il-verita` jew inkella l-Ispettur kif ukoll id-diversi pulizija li xehdu. Il-Qorti sua sponte staqsiet lill-Ispettur Theuma domandi li bir-rispett ma kinux relatati ma' l-oġġett tal-prova rikjesta bil-konfront u talbitu sabiex jikkonferma l-isem ta' min kien qiegħed jiġi kopert kif ukoll jekk l-istess Spettur kellux informazzjoni minn qabel li l-istess razzett kien involut għal din l-attivita` illegali, liema domandi meta l-Qorti skopriet għad-difiża formalment il-bieraħ dwar il-*controlled delivery* ma sarux mill-Qorti lill-istess Spettur fi stadju bikri tal-proċess. Din is-sitwazzjoni u r-risposti li ngħataw jagħmluha impossibbli lid-difiża sabiex f'dan l-istadju, fejn il-prosekuzzjoni ma fadlilhiex aktar xhieda, tikkontrolla dal li għadha kif semgħet minuti ilu u cioe` l-informazzjoni dwar ir-razzett u s-sors jew oriġini ta' l-istess, kif ukoll illi l-*controlled delivery* u ċ-ċirkostanzi marbuta magħha kellhomx interess ta' persuni li setgħu kellhom motiv jiżvijjaw lill-pulizija sabiex jindikaw lill-akkużat u r-razzett tiegħu għal skopijiet tagħhom. Minħabba f'hekk id-difiża li ppreparat il-każ tagħha fuq il-provi mingħajr dawn il-fatti ġodda mhix qiegħda f'posizzjoni li tkompli tikkonduċi skond il-liġi u fl-aħjar abilita` tagħha għal riċerka sħiħa tal-verita`, u kwindi titlob umilment li in vista ta' dawn iċ-ċirkostanzi ġodda li m'għandha l-ebda mezz kif tikkontrolla jew iġġib provi oħra wara indaġini serja tagħha li dan il-każ jiġi xolt."

**25.** Għal dan il-prosekuzzjoni wieġbet hekk:

"Il-prosekuzzjoni tirrileva fl-ewwel lok tixtieq tikkjarifika li l-Qorti għandha d-dritt li tistaqsi meta trid, kif trid dejjem ovvjament għar-riċerka tal-verita`.

"Illi d-difiża kellha ċ-ċans kollu waqt li kienet qed issir il-kumpilazzjoni biex jiġu mistoqsija domandi lix-xhieda li llum telgħu hawnhekk kollha jixhdu.

"It-tielet nett illi vera l-prosekuzzjoni f'dan l-istadju tellgħet l-aħħar xhud u qiegħed fil-kontro-eżmi tiegħu, pero` jekk mhux sejjer żball fil-lista tax-xhieda ta' l-abbli difesnuri hemm imniżżlin ukoll li bħala xhieda hemm ix-xhieda tal-prosekuzzjoni wkoll. Jiġifieri jekk iridu dawn jistgħu jtellgħuhom jerġgħu fuq il-pedana tax-xhieda u jistaqsuhom kull domanda li jaħsbu li hija rilevanti.

"Ir-raba' nett hija li dan mhux l-ewwel ġuri illi jiġu skoperti fatti li jkunu ġew l-ewwel darba mitkellma mix-xhieda. Fil-fatt kważi f'kull ġuri jiġi stabbilit xi ħaġa ġdida li qatt ma kienet ħarġet.

"Il-ħames hija jekk l-ommissjoni ta' l-Ispettur fil-kumpilazzjoni li jsemmi li kien hemm *controlled delivery* tammonta għal xi difett fil-kumpilazzjoni, hemm artikolu fil-Kodiċi Kriminali li jgħidlek illi kull difett li jkun hemm fil-kumpilazjoni ma jfissirx li l-kumpilazjoni hija difettuża fis-sens li għanda terġa' titħassar u terġa' tibda mill-bidu. Il-*controlled delivery* kienet fil-konfront ta'

Mobarak mhux fil-konfront ta' l-akkużat għalkemm il-Pulizija awnhekk, l-Ispettur, qal li kellu informazzjoni, xi tip ta' informazzjoni fuq l-akkużat u fl-aħħar mill-aħħar it-tnejn fl-istess ilma qegħdin, kemm id-difiża u kemm il-prfosekuzzjoni, it-tnejn, probabilment iktar favur id-difiża qiegħda din is-sitwazzjoni li qed joħorġu dawn il-provi fil-konfront ta' l-akkużat."

**26.** L-ewwel Qorti ċaħdet it-talba għax-xoljiment tal-ġuri b'dan id-digriet:

**"Il-Qorti,**

**"Qieset b'attenzjoni kbira is-sottomissjonijiet tad-difensur Dr Mallia u dawk tal-abbli proskutur Dr Grima, u filwaqt illi tapprezza d-dikjarazzjonijiet ripetuti fit-trattazzjoni da parti ta' Dr Mallia li l-Qorti m'għamlitx ħażin meta staqsiet id-domandi lill-Ispettur biex toħroġ il-verita` f'dan il-każ, tqis illi l-funzjoni tal-ġudikant li jippresjedi l-ġuri l-aktar importanti hija li taċċerta ruħa li ssir ir-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja u r-riċerka tal-verita`.**

**"Bid-domanda li saret lill-Ispettur dwar il-*controlled delivery* li hu kien diġa` semmiha fix-xiehda prinċipali tiegħu fis-seduta tal-bieraħ, il-Qorti riedet tkun sodisfatta jekk il-pulizija li kienu qegħdin is-Saqqajja qalux il-verita` meta qalu li ma raw lil ħadd ħlief lix-xhud Mobarak fuq il-post peress li apparti ċ-ċaħda ta' l-istess Mobarak li huwa kien waħdu, kien hemm ċirkostanzi oħra li bdew jippreokkupaw lill-Qorti dwar dan il-fatt kif depost mill-pulizija, u kien dan biss l-għan tal-Qorti meta ppruvat toħroġ il-verita` dwar din iċ-ċirkostanza, u bl-ebda intenzjoni la li tikkorrobora x-xhud Mobarak u lanqas li b'xi mod tippreġudika l-każ tad-difiża. Huwa fatt illi d-dikjarazzjoni ta' l-Ispettur tista' tiġi interpretata mill-ġurati illi kkorroborat b'xi mod lil Mobarak dwar iċ-ċirkostanza ta' min kien hemm fis-Saqqajja, pero` din hija ċirkostanza waħda minn ħafna li fuqhom id-difiża kienet qiegħda tipprova tiskredita lil Mobarak u jekk xhud ikunx ġie skreditat jew korroborat finalment għad irid jiġi deċiż mill-ġurati u minn ħadd aktar.**

**"Illi mhux eskluż li f'kull ġuri joħorġu fatti ġodda sia favur il-prosekuzzjoni u sia favur id-difiża li l-partijiet ma jkunux jistgħu jkunu jafu bihom minn qabel, u dan dejjem jista' jpoġġi xi parti jew oħra f'ċerta difikulta` biex tattalja l-linja tal-prosekuzzjoni jew tad-difiża biex tagħmel tajjeb għal tali kambjament fis-sitwazzjoni tal-provi kif ikunu magħrufa sal-bidu tal-ġuri.**

**"Pero` dan il-fatt waħdu ma jwassalx biex tiġi mwaqqfa l-proċedura u l-ġuri jiġi annullat u xolt. Mill-banda l-oħra, pero`, meta jirriżultaw ċirkostanzi ġodda l-Qorti tħoss li għandha tagħti kull fakulta` liż-żewġ partijiet li jikkontrollaw, sa fejn hu possibbli, dawn il-provi u għalhekk qed tiddikjara minn issa li ser tippermetti u taċċetta kull talba li tagħmel id-difiża biex tressaq provi ġodda allavolja mhumiex dikjarati, kif ukoll jekk hemm bżonn terġa' teżamina in kontro-eżami ulterjuri x-xhieda tal-Pulizija li gia` ddeponew.**

**"B'dan il-mod jista' jkun hemm il-bilanċ meħtieġ biex iż-żewġ partijiet ikollhom l-opportunita` li sa fejn hu possibbli u dejjem fil-parametri u**

***timeframes* tal-ġuri jikkontrollaw dak li huwa kontrollabbli. Għalhekk, filwaqt li tordna l-prosegwiment tal-ġuri, ser tagħti l-fakulta` lid-difiża li sia tikkontro-eżamina ulterjorment lix-xhieda tal-prosekuzzjoni li xehdu s'issa kif ukoll li jitressqu fuq talba [lil]l-Qorti dawk ix-xhieda li jiġu rikjesti mid-difiża, bil-fakulta` kemm lill-prosekuzzjoni kif ukoll lid-difiża li tikkontro-eżaminahom."**

**27.** Din il-Qorti ħadet nota ta' l-argumenti kollha miġjuba mill-appellant. Hi ma tistax tifhem għaliex il-Pulizija kellha żżomm lura milli tgħid illi kien qiegħed isir *controlled delivery,* li, wara kollox, kien sar fir-rigward ta' Mobarak, salv li tipprova tevita li jiġi svelat is-sors ta' l-informazzjoni li kellha l-Pulizija, u cioe` l-persuna li kien qiegħed jgħin lill-Pulizija fil-*controlled delivery*. Pero`, il-fatt li ġie svelat dan id-dettal matul il-ġuri kif ukoll il-fatt li ssemmew dettalji ġodda mill-Ispettur Dennis Theuma fuq mistoqsijiet tal-Qorti waqt konfront mitlub mid-difiża stess ma' Mobarak, ma kellux jagħti lok għax-xoljiment tal-ġuri.

**28.** L-ewwelnett, bħalma jipprovdi l-artikolu 436(3)(*ċ*) tal-Kodiċi Kriminali, imiss lill-qorti **"li tagħmel, f'dak kollu li mhux projbit jew mhux ordnat mil-liġi taħt piena ta' nullità, kull ma jidhrilha, fid-diskrezzjoni tagħha, li hu meħtieġ għat-tikxif tal-verità."** Bil-mistoqsijiet li għamlet l-ewwel Qorti, kien propju dan li kienet qed tagħmel, u cioe` t-tikxif tal-verita`. Jekk b'riżultat ta' hekk ħarġu diskrepanzi u inkonsistenzi f'dak li xehdu l-membri tal-Korp tal-Pulizija u l-appellant, dan seta' jiġi senjalat minn kull naħa. Inoltre l-ewwel Qorti tat lid-difiża d-dritt li tikkontro-eżamina ulterjorment lix-xhieda tal-prosekuzzjoni li kienu diġa` xehdu kif ukoll li jitressqu fuq talba lill-Qorti dawk ix-xhieda li jiġu rikjesti mid-difiża. Jekk kien hemm xi pulizija li xehdu l-falz, is-soluzzjoni ma kinitx ix-xoljiment tal-ġuri iżda semmai li jittieħdu l-passi opportuni fil-konfront tagħhom. Kwantu għar-referenza li għamel l-appellant għall-artikolu 638(1)[8] tal-Kodiċi Kriminali, in-nuqqas tal-prosekuzzjoni li tipproduċi dawk il-persuni li kienu direttament involuti fil-*controlled delivery* ma jistax jittieħed bħala abbuż ta' poter iżda, tajjeb jew ħażin, bħala delimitazzjoni għal dak li fil-fehma tal-prosekuzzjoni kien strettament rilevanti għall-każ, u hekk jidher li fehmet is-sitwazzjoni l-ewwel Qorti.

**29.** Għal dawn ir-raġunijiet u għar-raġunijiet imsemmija fid-digriet imsemmi tas-16 ta' Marzu 2010, dan l-aggravju huwa miċħud.

**30.** **Aggravju ieħor** ta' l-appellant fejn isostni li kien hemm interpretazzjoni jew applikazzjoni żbaljata tal-liġi jew irregolarita` li seta' kien hemm influwenza fuq il-verdett hu fejn jgħid li l-ewwel Qorti waqqgħet kull sottomissjoni tad-difiża dwar in-nuqqas tal-prosekuzzjoni li tipproduċi numru

---

[8] "Bħala regola, għandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti illi l-każ ikun jagħti, u li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xiehda tiegħu tkun importanti."

ta' xhieda li skond id-difiża kienu importanti a tenur ta' l-artikoli 638(1) u 346(1) tal-Kodiċi Kriminali. L-appellant jgħid li l-ewwel Qorti ndirizzat lill-ġurati illi dan in-nuqqas ma għandhomx jikkunsidrawh a tenur ta' l-artikolu 637 bħala waħda mil-linja gwida hemmhekk imsemmija, u cioe` biex jaraw "iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ". Ikompli jgħid l-appellant:

> "Għal Qorti dawn in-nuqqasijiet ma kellhomx jittieħdu in konsiderazzjoni, meta kellhom aktar jittieħdu in konsiderazzjoni, partikolarment minħabba l-fatt li l-pulizija ostrot il-fatt ta' *controlled delivery*. Għal Qorti l-ġudizzju kellu jsir biss fuq il-provi li nġiebu u li dawn iċ-ċirkostanzi ma kinux rilevanti biex jittieħdu in konsiderazzjoni fl-assjem tal-pekularitajiet tal-każ.
>
> "Bir-rispett dan jammonta għal interpretazzjoni jew applikazzjoni żbaljata tal-liġi jew irregolarita` li seta' kellha influwenza fuq il-verdett. Mux biss il-Qorti baqgħet għaddejja b'dak kollu mistur, iżda tat interpretazzjoni, fil-fehma tal-esponent, żbaljata tal-artikolu 637. Meta l-liġi f'dan l-artikolu qed issemmi ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, hu altru minn rilevanti l-operat tal-pulizija, li ħalliet barra provi u xhieda li probabbilment kienu jikkontrastaw id-deposizzjoni ta' Mobarak."

**31.** Fl-indirizz tiegħu lill-ġurati, l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri għamel numru ta' osservazzjonijiet bl-iskop li juri lill-ġurati kif għandhom jaqdu sewwa d-dmirijiet tagħhom (artikolu 465 tal-Kodiċi Kriminali). Fil-kuntest ta' dan l-aggravju, qed jiġu riprodotti s-segwenti brani:

> "Hawn ser tiddeċiedu biss fuq il-fatti u fuq il-provi li nġabu quddiemkom. U mhux tenut li intom toqogħdu tgħidu imma kieku ġie dak u kieku ġie l-ieħor, min jaf x'kie n jgħid u min jaf u toqgħod timmaġinaw x'kien ser jgħid dak u x'kien ser jgħid l-ieħor. Hawn il-menu huwa dak li għandkom quddiemkom, minn dak biss tistgħu tieklu, dawk il-provi li nġabu hawn, full stop. U ma għandkom tagħmlu ebda konsiderazzjoni għax ma ġiex dak ix-xhud, jew għax ma ġiex l-ieħor jew għax ma tħalliex jixhed, xejn affattu. Intom xogħolkom hu x'ġibnielkom hawn; fuq dak tridu tiddeċiedu, fuq dak il-binarju u ma titilqux minnu."[9]
>
> "U min qed jiġġudika kif irid jara jemminx? Il-liġi tipprova tagħtina diversi ndikazzjonijiet biex tgħinna ħa naraw kif wieħed għandu jagħmel ħalli jara xhud hux kredibbli jew le. Ħafna drabi fil-kawżi, sinjuri ġurati, ikollok koflitt fil-provi, anzi kważi fil-maġġor parti tal-kawżi .... Pero` mhux kull konflitt fil-provi bilfors neċessarjament iwassal għal-liberazzjoni ta' dak li jkun …. Imma l-liġi tgħidilna illi meta inti jkollok kwistjoni ta' kredibilita` għax trid tara lil min ser temmen, hux ser temmen din il-verżjoni jew mhux ser temmen din il-verżjoni, trid tista' taqa' fuq diversi kriterji li jistgħu jgħinuk biex in ti tiddetermina min qiegħed jgħid il-verita` u min mhux qed jgħid il-verita`."[10]

---

[9] Paġna 3 tat-traskrizzjoni ta' l-indirizz.
[10] Paġna 5 *ibidem*.

"Mela biex wieħed jara xhud jemmnux jew le, jew verżjoni titwemminx jew le, trid tara l-verżjoni fiha nnifisha imma trid taraha wkoll kif tiffittja fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, *how it fits into the whole picture*, tiffittja, ma tiffittjax, tagħmilx sens. U dana importanti ħafna għax intom ma tridux tqisu xiehda partikolari iżolatament imma tridu taraw l-istampa kollha b'mod ġenerali."[11]

"Imbagħad hemm regola oħra li ssemmiet mid-difensur hija illi l-prosekuzzjoni suppost iġġib kull prova u l-aqwa prova li jkun hemm, u li ma tħalli l-ebda prova materjali barra u ma ġġibhiex fil-kawża għaliex hawnhekk suppost li jkollna l-istampa kollha ċara ta' dak illi ġara u ma ġarax. Kif għidtilkom aħna hawnhekk ser niġġudikaw fuq il-provi li hemm, u jekk kien hemm xi provi li forsi intom xtaqtu tisimgħu imma ma kinux dikjarati hawnhekk il-Qorti dehrilha u m'għandhiex dubju li ddeċidiet sew, illi f'dak l-istadju tal-proċess il-provi li kellhom jinstemgħu kienu l-provi li kien hawn fil-kawża mill-bidu sa l-aħħar u mhux jiġu introdotti provi ġodda. U allura intom għandkom il-parametri tagħkom u fuq dawk il-provi tridu tiddeċiedu u fuq dawk il-provi biss."[12]

**32.** Dak li l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri qal lill-ġurati hu legalment korrett. Barra minn hekk l-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi numru ta' kriterji, fosthom "iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ", li jintużaw sabiex min qiegħed jiġġudika iqis jekk xhud huwiex kredibbli jew le. Mill-atti jirriżulta illi d-difiża ma talbitx li jiġu prodotti jew riprodotti xhieda. Kienet il-prosekuzzjoni li talbet li tipproduċi tliet xhieda – l-Assistent Kummissarju Neil Harrison, Reno Buhagiar u l-Maġġur Ian kunjomu mhux magħruf – u din it-talba ġiet miċħuda mill-ewwel Qorti. Dan l-aggravju hu għalhekk miċħud.

**33. <u>L-appellant imbagħad jgħaddi biex jattakka l-modalita` ta' kif jiġu nominati ċerti esperti mill-Inkwirenti</u>**, partikolarment, bħal f'dan il-każ, is-*scene-of-crime officers*, u jagħmel numru ta' kummenti dwar l-operat tagħhom fil-każ in eżami. Is-*scene-of-crime officers* huma membri tal-Korp tal-Pulizija. Huwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna, pero`, illi dawn huma xhieda kompetenti fir-rigward biss ta' rizultanzi fattwali.[13] Din il-Qorti tirreferi wkoll għad-deċiżjoni parzjali mogħtija mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fis-27 ta' Settembru 2005 dwar l-ammissibilita` ta' l-applikazzjoni fl-ismijiet **Nazzareno Zarb v. Malta** fejn intqal:

**"Admittedly, the fact that the experts charged to check and take the fingerprints at the scene of the crimes were members of the police – who owe a general duty of obedience to the State's executive authorities and usually have links with the prosecution (see Van Mechelen and Others v. the Netherlands, judgment of 23 April 1997, Reports of Judgments and Decisions**

[11] Paġna 8 *ibidem*.
[12] Paġni 8 u 9 *ibidem*.
[13] Ara **Nicholas Ellul vs Kummissarju tal-Pulizija**, Qorti Kostituzzjonali, 22 ta' Mejju 1991; **John Saliba vs Avukat Generali et**, Qorti Kostituzzjonali, 6 ta' Lulju 1998; **Il-Pulizija v. Nazzareno Zarb et**, Qorti ta' l-Appell Kriminali, 16 ta' Dicembru 1998. Ara wkoll is-sentenza moghtija minn din il-Qorti fis-26 ta' April 2012 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Gordi Felice**.

> **1997-III, p. 712, § 56) – may have given rise to apprehensions on the part of the applicant. Such apprehensions may have a certain importance, but are not decisive. What is decisive is whether the doubts raised by appearances can be held objectively justified (see, Brandstetter, judgment quoted above, p. 21, § 44, and Emmanuello, decision quoted above).**
>
> **"Such an objective justification is lacking here: in the Court's opinion, the fact that an expert is a member of the police does not in itself justify fears that he will be unable to act with proper neutrality. To hold otherwise would in many cases place unacceptable limits on the possibility for courts to obtain expert advice, having regard, in particular, to the technical skills that members of the police have in taking and comparing fingerprints (see Emmanuello, decision quoted above). Furthermore, the applicant did not produce any element showing that the experts complained of performed their duties in a way which was not impartial and objective."**

**34.** Evidentement l-operat ta' l-esperti jista' jiġi kontrollat bil-mezz ta' eżami u kontro-eżami. L-Imħallef li ppresjeda l-ġuri mbagħad kien ċar fir-rigward ta' kif il-ġurati kellhom iqisu x-xiehda ta' esperti:

> "Hemm imbagħad ix-xhieda esperti, dawk li mhux biss jistgħu jgħidulna dak lik esperjenzaw bis-sensi tagħhom imma anki huma mitluba li jagħtu opinjonijiet skond ma jkollhom fl-inkarigu tagħhom. Intom fuq dawn l-esperti natguralment m'intomx marbuta li taċċettaw il-konklużjonijiet tagħhom pero`normalment biex wieħed jiddipartixxi mill-opinjoni ta' espert tal-Qorti li jitqabbad għal t'apposta biex jgħin lill-Qorti – f'dan il-każ il-Qorti huma intom – normalment jekk ma jkollux ir-raġuni serja biex jitlaq mill-konklużjoni li jkun wasal l-espert, wieħed normalment joqgħod fuqha. Pero` jekk ikollkom raġuni valida biex intom tiddipartixxu mill-konklużjoni tal-espert, allura l-liġi ma torbotkomx li taċċettaw dik il-konklużjoni u tistgħu taslu għal konklużjoni differenti."

**35.** Fil-każ in eżami l-appellant ma weriex illi s-*scene-of-crime officers* **"performed their duties in a way which was not impartial and objective"**.

**36.** B'referenza għall-modalita` tan-nomina ta' dawn l-esperti, f'Malta m'għandniex sistema ta' Maġistrati Inkwirenti li jkollhom it-*team* tagħhom ta' esperti. Allura dak li għandu jsir, fejn ma jsirx diġa`, hu li meta Spettur jinforma lill-Maġistrat Inkwirenti b'reat li jkun jeħtieġ investigazzjoni, għandu jinforma wkoll lill-Inkwirenti bl-ismijiet ta' min ikun *duty* biex jagħmel xogħol ta' *scene-of-crime officers*.

**37. <u>Aggravju ieħor</u>** ta' l-appellant hu dwar il-mod kif ġew mgħaggla l-proċeduri sabiex il-ġuri jispiċċa f'*timeframe* predeterminat. Jilmenta mill-kummenti, "aktar minn domandi, lix-xhieda jew partijiet, biex imbagħad fl-indirizz issir *blanket provision* fejn il-ġurija jintqalilha illi jekk l-Imħallef sedenti jkun għamel tali kummenti jew ta lill-ġurati x'jifhmu illi qed jaħsibha

mod u mhux ieħor, dan għandhom jiskartawh". Jilmenta dwar kummenti waqt l-arringa illi dwar punti ta' liġi d-difiża m'għandhiex tidħol għaliex dawn jispjegahom l-Imħallef fl-indirizz. Jilmenta dwar kif il-proċeduri saru mingħajr nifs u l-ġurija ma ngħatatx żmien adegwat għall-mistrieħ. Skond l-appellant, dan kollu jikkostitwixxi rregolarita` matul il-proċedura li setgħet effettwat il-verdett tal-ġurija.

**38.** Dwar il-kondotta ta l-Imhallef li jkun qiegħed jippresjedi ġuri, din il-Qorti diversi drabi ċċitat b'approvazzjoni dak li tgħid Rosemary Pattenden, fil-ktieb tagħha **Judicial Discretion and Criminal Litigation** (OUP 1990)[14]:

> **"The English criminal trial is adversarial, which means that the parties determine the evidence to be called and the manner and timing of its presentation. The self-interest of the parties, so the theory goes, will ensure that all issues of law and fact are thoroughly aired. If taken to its logical conclusion this principle reduces the role of the judge to that of an umpire – someone whose job it is to see that the rules are obeyed but who takes no direct part. But theory and practice do not entirely coalesce and criminal judges are not, as the Supreme Court of Canada once put it, 'sphinx judges'. A trial is more than a contest between two parties. There is a public interest in seeing that justice is done and since the parties may be unevenly matched the judge may have to involve himself in the trial to ensure that the truth emerges. So long as he acts fairly and preserves an appearance of impartiality he will not be criticized for taking a relatively active stance.**
>
> **One of the ways in which the judge may participate in the trial is by questioning witnesses. This is an example *par excellence* of the exercise of discretion during a criminal trial … in *R. v. Evans* Lord Justice Scarman affirmed that although 'our system is accusatorial and it is not the part of a Judge to run the case for the Crown or to run the case for the defence but to keep himself apart from the arena in which battle is joined, yet he does have a duty to ensure that justice is done and, if he thinks that justice requires him to put questions, then he has the right and the duty to intervene."**

**39.** Din il-Qorti tirreferi wkoll għal dak li jipprovdi l-artikolu 463(3)(b) tal-Kodiċi Kriminali, u cioe` li jmiss lill-Qorti "li trieġi s-smigħ tal-kawża".

**40.** Minn eżami li din il-Qorti għamlet ta' l-atti, ma jirriżultax li l-ewwel Qorti eċċediet il-limiti tad-diskrezzjoni tagħha bl-interventi li għamlet u bil-mod kif mexxiet is-smigħ tal-ġuri. Id-difiża ma ġietx ostakolata milli tagħmel ix-xogħol tagħha. U m'hemm xejn irregolari jekk il-Qorti żżomm ftit kontroll biex ma jsirux ħafna ripetizzjonijiet.

---

[14] F'pagna 98.

**41.** L-appellant għandu mbagħad **numru ta' aggravji** li jirrigwardaw l-indirizz ta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri.

**42.** ***Hearsay evidence***: L-appellant isostni li l-ġurija ma ġietx indirizzata b'mod ċar dwar din in-nozzjoni. Jgħid li t-*turning point* fil-ġuri kien meta waqt il-konfront, il-Qorti riedet spjegazzjoni dwar id-dettalji tal-*controlled delivery*. Jgħid:

> "Irriżulta mingħajr ebda dubju illi dak kollu li wieġeb l-Ispettur Theuma ma jammontax għall-provi ammissibbli. Dan għaliex l-Ispettur ma ġab l-ebda prova dokumentarja, għalkemm mitlub mill-Qorti, li din il-*controlled delivery* kienet awtorizzata minn Maġistrat, ukoll għaliex l-imsemmi Spettur ma kienx is-Saqqajja u għalhekk ma setax jgħid li kien hemm Reno buhagiar kif allega Mobarak, inoltre l-Ispettur Theuma xehed illi dina l-*controlled delivery* kienet organiżżata mis-Supt. Neil Harrison u mhux minnu u l-istess Neil Harrison ma xehedx f'din il-kawża.
>
> "F'dan ir-rigward, aktar il-Qorti għamlet enfażi, dwar dak li kien ġie ripetut diversi drabi fl-indirizz, illi l-ġurija kellha toqgħod biss fuq il-provi li nġabu quddiemha, minflok il-portata ta' din ir-regola legali (i.e. *dictum de dicto*) applikata speċifikament għal dan il-każ. Mhux hekk biss, il-Qorti għażlet biex tagħti eżempju meħud mill-każ stess, pero` ma ssemmi bl-ebda mod li dak li ġara waqt il-konfront imsemmi għar-rigward tal-*controlled delivery*. Anzi tagħti eżempju li bih l-ġurija setgħet biss taħseb illi din kienet l-unika istanza ta' *hearsay evidence* fil-każ. Il-Qorti ssemmi istanza ta' meta l-Ispettur ikun qed jgħid x'kienu qalulu l-pulizija li ġara qabel hu ma aċċeda fuq il-post, fejn allura spjegat li jridu jiġu l-pulizija hawn u jgħidu dak li huma stess raw u semgħu.
>
> "Dan in-nuqqas, fl-umli fehma tal-esponenti, kompla jaggrava s-sitwazzjoni preġudizzjali li fiha intefgħet id-difiża f'dan il-każ minħabba s-serje ta' sorpriżi li ġiet rinfaċċjata bihom waqt il-ġuri. Mhux biss bir-rispett, il-Qorti qiegħda tindirizza lill-ġurija sabiex ma tagħmel l-ebda konsiderazzjoni dwar xi prova jew ċirkostanza li ma nġabitx bħala prova mill-prosekuzzjoni u għamlet enfażi f'diversi partijiet tal-proċess li jridu joqogħdu biss fuq il-provi li nġabu quddiemhom, iżda mhux qiegħda tindirizzahom sabiex jeskludu provi u ċirkostanzi msemmija li ħarġu dwar dan il-konfront mill-Ispettur għaliex huma inammissibbli. B'dan il-mod il-ġurija kellha taħseb illi dawk kienu provi ammissibbli li setgħu jistrieħu fuqhom, partikolarment, illi waqt dan il-konfront il-Qorti qalet li ma kienx sewwa li dawk il-ħames pulizija ħalfu l-falz. Dan ifisser li allura, dak li kien għadu kif qal l-Ispettur dwar il-*controlled delivery* u li Reno kien is-Saqqajja ma' Mobarak kien prova ammissibbli allavolja l-Ispettur ma kienx jafu *di scientia propria*."

**43.** Din il-Qorti sejra tirreferi għal dak li qal l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri fl-indirizz:

> "Nerġa' ngħidilkom ukoll kif semmejtilkom fil-bidu tal-ġuri li l-provi tax-xhieda okulari li intom tistgħu tqisu f'din il-kawża huma biss dawk li jkunu qalu huma

stess fuq dak li raw huma stess jew esperjenzaw huma stess. Li xi ħadd jiġi jgħid isma' kelli informazzjoni li dak kien ilu jilgħab bid-droga. Min qallek? Ħeqq, informazzjoni anonima, kinfidenzjali, dik ma tiswa xejn għax dika *hearsay evidence*, u kien hawn diversi okkażjonijiet fejn il-Qorti spjegatulkom dan illi sakemm jiġi dak li jkun u jgħidha hu din tkun *hearsay* u allura dika mhix prova ammissibbli. Mela rridu noqogħdu biss fuq il-provi fejn jidħlu l-provi diretti ta' dak li x-xhieda li ġew hawnhekk esperjenzaw huma personalment mhux għax semgħu minn ħaddieħor. Jekk l-Ispettur, is-surġent qallu xi ħaġa u l-Ispettur ġie hawnhekk u qalilna li s-surġent qalli hekk, dik tibqa' *hearsay*. Biex ma tibqax *hearsay* dik irid jiġi dak li qallu x-xi ħaġa u jgħidha hawn. Issa seta' ġie hawn u qalha wkoll u allura mbagħad ma tibqax *hearsay*, u seta' ġie hawn u ma qalhiex jew ma qalhiex eżatt kif qalha l-Ispettur. Mela dak li jkun qal l-Ispettur li qal is-surġent jew li qallu l-kuntistabbli dik mhix prova."[15]

**44.** Fir-riassunt tal-fatti, l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri mill-ewwel qal illi dak li l-Ispettur Dennis Theuma qal li qalulu l-pulizija huwa *hearsay*.[16]

**45.** B'referenza għal meta kompla l-konfront bejn Mobarak u l-Ispettur Theuma, l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri fakkar lill-ġurati: "Hawnhekk jien għidtilkom, tiftakru sinjuri ġurati, li l-bieraħ l-Ispettur qal li kellhom xi informazzjoni fuq l-akkużat u wissejtkom li dik hija *hearsay* u mhix prova dik il-parti li qal l-Ispettur qabel ma morna norqdu t-Tlieta."[17]

**46.** Jiġifieri mhux biss fl-indirizz iżda anke waqt is-smigħ tal-provi l-ewwel Qorti kellha okkażjoni tispjega n-nozzjoni ta' *hearsay* lill-ġurati u anke x'kellhom iqisu bħala *hearsay*. Għalhekk anke dan l-aggravju huwa miċħud.

**47. <u>Prova Indizjarja</u>**: L-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti ma spjegatx b'mod kompletament korrett dak li kienet qalet id-difiża dwar il-prova indizjarja ta' l-għatu, u li ma tatx stampa ċara tal-kunċett eżatt ta' prova indizjarja.

**48.** Jirriżulta li dwar prova indizjarja l-ġurati kienu diġa` semgħu ħafna mingħand il-prosekuzzjoni u mingħand id-difiża. Il-fatt li l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri ma qagħadx jirrepeti kull ma ntqal jew ma daħalx fil-fond waqt l-indirizz ma jnaqqas xejn mill-korrettezza ta' l-esposizzjoni li għamel ta' x'inhuma provi indizjarji. Fil-bidu ta' l-indirizz jgħid:

"Issa hemm imbagħad ir-raba' tip ta' prova li diġa` ssemmiet waqt it-trattazzjoni li hija s-*circumstantial evidence*. Diġa` ngħataw eżempji x'tista' tkun is-*circumstantial evidence*. Ma jidhirlix li intom tfal żgħar għandi għalfejn noqgħod nerġa' ngħidilkom ħafna eżempji biex tifhmu, għaliex fehmukom tajjeb iż-żewġ avukati, x'inhi s-*cicrumstantial evidence*. L-importanti pero` li tibqg]u tiftakru li

[15] Paġni 26 – 27 tat-traskrizzjoni ta' l-indirizz.
[16] Paġna 31 *ibidem*.
[17] Paġni 57 – 58 *ibidem*.

> jekk is-*circumstantial evidence*, jiġifieri serje ta' ċirkostanzi jistgħu jwassluk għall-konklużjoni waħda u waħda biss allura dik hija biżżejjed biex tistrieħ fuqaha, anke fuqha biss biuex issib il-ħtija. Pero` jekk is-*cicumstantial evidence* ma twassalkomx għal konklużjoni waħda biss imma tista' tagħti lok għal diversi konklużjonijiet, jew għall-inqas tnejn, allura ma tistgħux tistrieħu fuqha biss biex issibu l-ħtija. Dik hija r-regola prinċipali tas-*circumstantial evidence*. *Circumstantial evidence* tista' tiġi minn ħafna affarijiet. Hawnhekk issemmew mill-avukati x'inhi din is-*circumstantial evidence* għal x'hiex qed jirreferu, għadhom jidwu f'widnejkom dawn l-affarijiet, dawn l-argumenti li għamlu l-avukati,m'għandix għalfejn nirrepetihom jien għax żgur ma nistax nagħmel ġustizzja daqskemm għamlu huma bl-abbli esposizjoni tagħhom tal-argumenti fuq is-*circumstantial evidence*."[18]

**49.** Għalkemm ħin minnhom waqt l-indirizz l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri qal – u anke dwar dan jilmenta l-appellant – li "mhux ser noqgħod naħli l-ħin, is-soltu jkolli ftit aktar ħin u noqgħod nagħmel ħafna eżempji sbieħ, il-lum ma hemmx dak il-ħin għax irrid nibgħatkom tiddeliberaw u jkollkom il-ħin tagħkom", huwa xorta waħda daħal f'ċertu dettal biex jispjega kemm dak li kien ġie sottomess mill-prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiża f'dar-rigward meta kien qiegħed jispjega t-teżi tagħhom.[19] L-appellant jgħid illi kien b'mod sussidjarju li d-difiża qalet li ċ-ċirkostanza ta' l-għatu kienet waħda mhux univoka, għax hija kienet indirizzat lill-ġurija fis-sens "illi mix-xiehda ta' l-Ispiżjar Mifsud ma hemmx il-prova li dak l-allegat għatu kien wieħed minn xi *tape* li nstab fuq il-post fl-għalqa f'munzell ta' rmixk. Dan ħareġ ċar mit-testimonjanza ta' l-Ispiżjar li kkonferma dan."

**50.** Issa, apparti li l-Qorti mhijiex mistennija ssemmi bi preċiżjoni matematika kull dettall li l-prosekuzzjoni u d-difiża jkunu rreferu għalih tul il-ġuri, ma tarax kif, anke jekk kien hemm tali nuqqas, dan seta' jinfluwenza fuq il-verdett. Wara kollox, dak li kien qal l-Ispiżjar Mifsud kien li kien hemm *a mechanical fit* bejn l-għatu u l-kaxxa. Fl-aħħar mill-aħħar lejn il-konklużjoni ta' l-indirizz insibu propju s-segwenti:

> "Issa mbagħad intom tafu li wara l-provi kien hemm l-argumentazzjoni taż-żewġ partijiet. Dika jiena mhux ser nirriproduċiha, smajtuha l-bieraħ, smajtuha dalgħodu u suppost għadha friska f'moħħkom, u kif għidtilkom l-importanti li jiena spjegajtilkom il-linja difensjonali x'inhi u naħseb dika spjegajtha hux hekk? Jekk ma spjegajthiex għidli ħa nispjegaha. Mela Dr Mallia qed jiddikjara li din il-linja tad-difiża ġiet spjegata mill-qorti."

**51.** Kwindi anke dan l-aggravju qiegħed jiġi respint.

---

[18] Paġni 4 u 5 *ibidem*.
[19] Ara paġni 27 u 28 *ibidem*.

**52.** **<u>Il-kawtela</u>**: L-appellant jilmenta wkoll dwar il-mod kif ġiet spjegata l-kawtela dwar ix-xiehda ta' kompliċi u li allura seta' effettwa l-verdett. Jgħid:

> "... għalkemm il-Qorti kienet libera kif għandha tfisser dan il-kunċett, l-ispjegazzjoni ta' dak li kien jgħid il-Kap 101 qabel u dak li kien jgħid il-Kodiċi Kriminali qabel, sabiex tfiehem il-kunċett attwali, tellef mill-portata ta' x'inhi l-liġi llum. Din it-tifsira ngħatat b'mod leġġer fejn il-ġurija ngħatat l-impressjoni li l-kawtela kienet biss qed tingħata għax hekk tgħid il-liġi u mhux għal vera sinifikat għalfejn il-liġi tesiġi li trid tingħata. Fil-fatt, l-ispjegazzjoni ta' kif kienet il-liġi qabel taħt il-Kap 101 tista' tiftiehem illi għalkemm il-liġi tesiġi din il-kawtela pero` in ogni modo qatt ma kienet rikjesta korroborazzjoni skond l-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi.
>
> "Dan seta' wassal sabiex il-ġurija kellha tħares lejn nuqqas ta' korroborazzjoni tal-verżjoni ta' Mobarak b'mod informali. Għalkemm kien diġa` ntqalilha li ċirkostanzi ekwivoċi jistgħu jkunu bażi ta' korroborazzjoni u wieħed kellu jara ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, issa qed jintqalilha li tali korroborazzjoni ma kinitx meħtieġa. Kif inhi l-liġi llum, eccetto ċerta eċċezzjonijiet f'ċerti reati, il-korroborazzjoni ma hix meħtieġa, hu x'inhu d-delitt. Il-qorti naqset li tfiehem id-distinzjoni bejn il-korroborazzjoni msemmija fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali i l-korroborazzjoni mhux *sine qua non* rikjesta għax-xiehda ta' kompliċi. Bir-rispett f'din il-konfużjoni, Mobarak allura msaħħaħ minn provi inammissibbli ngħata *a free hand* fejn allura tħares kif tħares lejh, b'kull mod li jkun, ingħata affidabilita` u li hu xhud li, nonostante l-kawtela, kien xhud veritjer."

**53.** Fil-fehma ta' din il-Qori, l-appellant ma jistax jirnexxi f'dan l-aggravju tiegħu peress illi, għalkemm il-parti storika setgħet tħalliet barra, l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri kien ċar fil-mod kif ta l-kawtela lill-ġurati. Lanqas ma kien hemm il-ħtieġa, kif jippretendi l-appellant, li jagħmel xi "distinzjoni" mal-korroborazzjoni msemmija fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali għax din ġiet trattata fil-parti preliminari ta' l-indirizz fejn kien qiegħed jispjega l-elementi li l-liġi telenka li ġudikant jista' juża biex iqis jekk xhud huwiex kredibbli jew le. Dwar il-kawtela, l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri qal:

> "Hemm artikolu partikolari fil-liġi tad-droga jgħid illi minkejja d-disposizzjoni ta' ċertu artikolu li issa jiena ser naqrahulkom ukoll u nispjegalkom x'ifisser, meta persuna tkun xtrat jew xorta oħra kisbet jew akkwistat mediċina bi ksur tal-liġi, ix-xiehda ta' dik il-persuna fi proċediment kontra persuna li mingħandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-mediċina, ma għandhiex għalfejn tkun korroborata b'ċirkostanza oħra. Issa għaliex jiena għidtha hawn? Għaliex fil-liġi kif kienet sa ftit snin ilu, meta x-xhieda kontra akkużat kienet tkun dik tal-kompliċi jew tal-ko-awtur, jiġifieri xi ħadd li kien imdiehes miegħu fil-biċċa xogħol, għal raġunijiet ovvji, il-liġi kienet trid li mhux jiġi wieħed u jaqbad u jċappas lil sieħbu forsi biex ifarfar minn fuq spallejh u allura dak li hu tiegħu l-qantar iwaħħlu lil ħaddieħor; u allura biex dik il-verżjoni ta' min qiegħed igħid il-ko-awtur kontra l-kompliċi tkun sostanzjata, ikun jeħtieġ dak iż-żmien li jkun emm xi korroborazjoni jew permezz ta' xi xhud ieħor jew ta' xi ċirkostanza oħra, pero` meta għamlu l-liġi tad-droga minħabba ċerti diffikultajiet li intom tistgħu

timmaġinaw dik ir-*requirement* tal-korroborazzjoni għall-fini tar-reati tad-droga, meta jkun hemm xhud wieħed biss kontra dak l-akkużat partikolari, ma kienx hemm il-ħtieġa ta' korroborazzjoni la minn xhud ieħor u lanqas minn xi ċirkostanza partikoalri ndiretta, xi prova ndiretta oħra. Pero` l-liġi tirreferik hawnhekk għal artikolu ieħor issa tal-Kodiċi Kriminali li mhux il-liġi speċjali tad-droga, illi ġie mibdul reċentement. Dan kien jitlob propju dan l-artikolu jew qabel li jkun hemm il-korroborazzjoni tal-kompliċi minn xi xhud ieħor jew minn xi ċirkostanza oħra – il-liġi propju kienet tgħid minn xi ċirkostanza oħra, lanqas kienet tgħid xhud. Dan l-artikolu llum inbidel ukoll u lanqas hemm il-ħtieġa aktar ta' din il-korroborazzjoni anke fir-reati issa li ma humiex tad-droga.

"Pero` l-liġi tgħidilna meta l-uniku xhud kontra l-akkużt ikun dwar xi reat fi proċess li jinstema' quddiem il-ġurati li kif qed nagħmlu hawn tkun persuna kompliċi – issa naturalment jekk inti qed tbegħli u jiena qed nixtri mingħandek, qegħdin nagħmlu d-droga flimkien, qegħdin nittraffikaw it-tnejn prattikament, jiġifieri jiena nkun qiegħed kompliċi miegħek – il-Qorti għanda tagħti direttiva lill-ġurati biex jiżnu x-xiehda ta' dak ix-xhud, li dak ix-xhud jagħti, b'kawtela qabel ma jserrħu fuqħa u jaslu biex isibu ħati lill-akkużat u r-raġuni hija l-istess raġuni għaliex kif kienet il-liġi qabel. Il-liġi trid tikkontrolla li mhux dak għalkemm dak li jkun biex ifarfar minn fuq spallejh jitfagħa fuq sieħbu u jiġi jgħid li jrid jgħid u daqshekk l-istorja. Għalkemm tneħħiet in-neċessita` ta' korroborazzjoni b'xi ċirkostanza, meta nbidlet il-liġi li aħna qed naħdmu fuqha issa, xorta l-Qorti jien, bħala l-Imħallef togat, għandi niġbdilkom l-attenzjoni għal din id-disposizzjoni li din ix-xiehda ta' dak ix-xhud f'dal-każ – qed nitkellmu fuq Mobarak issa – tridu tqisuha, tridu tiżnuha b'kawtela, b'attenzjoni, għaliex hemm dan il-periklu, hemm dan il-*pitfall*. Issemma wkoll li Mobarak seta' kellu l-interess biex jibbenefika mill-artikolu 29 taħt il-liġi tad-droga li min jikxef il-persuna li jakkwista mingħandha jista' jibbenefika minn tnaqqis sostanzjali fil-piena, meta llura jkollu dak l-interess, u allura iktar u iktar f'dan il-każ wieħed irid jara tali xiehda b'kawtela – mhux jiġifieri ma jemminhiex ta, mhux jiġifieri jiskartaha, daka mbagħad għandux jiskartaha jew jiskartahiex għamlu s-sottomissjonijiet l-avukati, inkonsistenzi u dan u gideb u mhux hekk u mhux hekk, daka smajtu fuqu dak il-punt – pero` tridu tqisuha b'kawtela, b'attenzjoni.

"Dik hija importanti, għaliex? Għax dejjem jista' jkun hemm dak il-periklu li wieħed ikun qed iwaħħal f'ieħor biex hu jiskolpa lilu nnifsu biex hu jmur aħjar fis-sentenza tiegħu u dak li hu tiegħu jagħtih lil ħaddieħor. Jew inkella dak li hu ta' ħaddieħor minflok jagħtih lil da il-ħaddieħor jagħtih lil xi ħaddieħor ieħor. U allura wieħed irid dejjem, meta jkunu dawn iċ-ċirkostanzi fejn għandek l-uniku xhud kif qed jgħid del resto l-prosekutur, l-uniku xhud dirett huwa dana, għax hu qed igħidilna li niżel hemm isfel u kellmu u l-ieħor għabbihielu u mbagħad qallu le issa poġġihieli hemm fuq, nerġa' ninżel għaliha u poġġiha fuq iċ-ċint, reġa' mar u ġie, eċċ. eċċ. – wieħed għandna li qed jgħidu dan id-diskors li huwa Mobarak. Mela hawnhekk ix-xiehda ta' Mobarak minħabba din id-disposizzjoni tal-liġi għalkemm m'għadx hemm il-ħtieġa ta' korroborazzjoni b'xi ċirkostanza oħra, xorta tridu tqisuha b'kawtela."[20]

[20] Paġni 24 – 26 *ibidem*.

**54. <u>Zball dwar tifsir tal-elementi ta' traffikar</u>**: L-appellant jgħid illi meta l-Qorti fissret x'inhuma l-elementi ta' traffikar qalet illi *jekk jirriżultaw il-fatti allegati mill-akkużat inkunu qegħdin naraw il-figura ta' traffikar jew li wieħed jipprokura, inewwel, iġib biex imbagħad ħaddieħor jagħmel biha hu*. Ma hemmx dubju li dan hu *lapsus*. Pero` fl-istess ħin wieħed ma jista' qatt ikun ċert jekk il-ġurija jew xi ġurat setax fehem dan litteralment. Jiġi rilevat illi jekk sar hekk, allura dan seta' kellu influwenza fuq il-verdett.

**55.** Evidentement dan kien każ ta' *lapsus* u minflok "prosekuzzjoni" l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri uża l-kelma "akkużat". Diffiċilment jista' jingħad li tali *lapsus* seta' kellu influwenza fuq il-verdett meta tul l-indirizz l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri rrepeta li l-akkużat kien qiegħed jiċħad li kellu x'jaqsam mad-droga.

**56. <u>Provi u xhieda assenti</u>**: L-appellant jilmenta li l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri ta direzzjoni żbaljata meta, skond hu, infurmat lill-ġurija li l-fatt li ma nġabux xi xhieda ma kienx tort tal-prosekuzzjoni. Ma jirriżulta minn imkien li l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri qal hekk. U lanqas ma jirriżulta li setgħu fehmu hekk.

**57. <u>Ir-Raba' Kap</u>**: L-appellant hawn jilmenta li l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri għamel valutazzjoni ta' fatti b'mod li skredita t-testimonjanza ta' l-appellant u tat-tifel tiegħu, u dan seta' kien riflessjoni serja dwar il-kredibilita` tiegħu għal dak li kien xehed b'mod ġenerali. Jgħid:

> "Fuq dan il-Kap il-ġurija kellha direzzjoni mill-Qorti ċara u univoka li ma setgħetx wasslet lill-ġurija għal xi verdett ieħor. Bir-rispett il-Qorti tat x'jifhem lill-ġurija illi l-esponent ma kellux jiġi emmnut. Dan hu apprezzament ta' fatti li l-ebda twissija sabiex il-ġurija ma joqogħdux fuq dak li jgħid l-Imħallef ma hi suffiċjenti u tbiddel il-messaġġ li, bir-rispett kollu, ingħata."

**58.** Li l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri kien ċar dwar li l-ġurati kienu l-imħallfin tal-fatt m'hemmx dubju. Mill-bidu nett ta' l-indirizz qalilhom:

> "Għidtilkom li intom l-imħallfin tal-fatt u dwar il-fatti ser tiddeċiedu intom biss. Mela ngħid x'ngħid jien waqt l-indirizz u għidt x'għidt jien waqt illi qed immexxu u nġibu l-provi hawnhekk, m'għandu jinfluwenzakom bl-ebda mod. Fejn jirrigwarda l-fatti intom supremi. Tridu toqogħdu fuq li jien ser ngħidilkom jien biss fuq dak li jirrigwarda x'inhi l-liġi. L-affarijiet l-oħra huma f'idejkom biss. Jiena ser nipprova ngħid mill-inqas għax ladarba dak li ngħid mhux suppost ninfluwenzakom, allura aħjar ma ngġid xejn mal-ewwel u ngħid kemm jista' jkun il-fatti kif irriżultaw hawnhekk mingħajr kummenti u dan. Pero` jekk stess nagħmel xi kumment, għax waqt l-ispjegazzjoni mingħajr ma trid tagħmel xi kumment, nerġa' ngħidilkom dak ma jorbotkomx."[21]

---

[21] Paġni 2 – 3 *ibidem*.

**59.** Imbagħad, dak li qal l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri waqt l-indirizz fir-rigward tar-Raba' Kap wara spjegazzjoni tal-liġi kien dan:

"Il-prova taqa' fuqi mbagħad jekk sabuhomli dawn, jiena rrid nagħmilha din il-prova (li l-għasfur jew parti minnu kien importat b'mod leġittimu jew li kien imrobbi fil-maqful) sal-grad tal-probabbli. Issa mela f'dan il-każ tridu taraw – għax dawna issa nstabu u nstabu fir-razzett – f'dan il-każ huwa importanti l-ewwelnetttaraw hux tliet għasafar minn dawk kollha li kienu ma jistax ikollu, number one, number two jekk hux fi żmien li qed jiġi msemmi fl-Att ta' Akkuża, number three saritx il-prova li dan kien jaf li qegħdin hemm, u allura din issa kwistjoni ta' ċirkostanzi, fil-*freezer* tiegħu fejn ipoġġi l-lixka; araw kellux ikun jaf normalment jew inkella ma jkunx jaf. Mingħalija xi ħadd qal ħawn li ma kienx jaf. Imma mbagħad dik issa hemm il-fatti. Imbagħad mill-fatti naraw hemmx xi ħaġa mingħalija naraw insibux xi ħaġa hawnhekk illi tista' tgħinna fuq dak il-punt. Pero` kwistjoni ta' fatt dina u taraw intom x'hemm u x'm'hemmx. Jekk stess irid f'dak il-każ jiġi ppruvat li huwa kien jaf, irid imbagħad jipprova hu illi dana kien impurtat b'mod leġittimu jew li dawn kienu mrobbijin fil-maqful. Din il-prova ovvjament ma saritx, m'hemmx għalfejn noqogħdu nistaħbew wara subgħajna; din il-prova ma saritx u hu qed jgħid mhux tiegħu, ma jafx bihom.

"Il-fatt illi kien hemm xi ħadd ieħor kif smajna hawnhekk illi ġie proċessat, it-tifel tiegħu, fuqhom dawn l-għasafar, ma jfissirx neċessarjament li ma jistax jiġi proċessat ħaddieħor għax aħna – u l-bieraħ għamilt kelma jien waqt li qed jittratta l-avukat – aħna jista' jkollok il-konkors tad-delinkwenti li f'delitt wieħed jipparteċipa iktar minn bniedem wieħed. Jekk inti għandek oġġett illeġittimu u tgħidli żommuli u jiena nżommulek u naf x' qed nżomm, inti ħati għax tajtu lili għax kien fil-pussess tiegħek u tajtu lili, u jiena ħati għax żammejtu wkoll. Jiġifieri ma jfissirx għax jeħel wieħed ma jistax jeħel ħaddieħor ukoll fuq l-istess delitt għax jista' jkun kompliċi, jista' jkun ko-awtur, jew jista' jkun b'xi mod ieħor involut. Pero` bażikament jekk tirriżulta li hu kien kompliċi għax għenu biex iżommu jew inkella għax żammu hu stess u l-ieħor kien żammu qablu, jiġu ħatjin it-tnejn f'dak il-każ. Dejjem, pero`, irid jirriżulta li kien jaf li qegħdin għandu sal-grad taċ-ċertezza morali, allura lanqas ma jkun ħati ta' dan il-Kap, ir-Raba' Kap."[22]

**60.** Minn kif indirizza lill-ġurati huwa evidenti illi l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri ma ħariġx barra mill-parametri tad-doveri tiegħu. Meta qal illi ma saritx l-prova illi l-appellant importa l-għasafar b'mod leġittimu jew li l-għasafar kienu mrobbijin fil-maqful, kien qiegħed jgħid l-ovvju stante li, wara kollox, id-difiża ta'l-appellant kienet illi ma kienx jaf bihom. U meta spjega li jista' jkun hemm il-konkors tad-delinkwenti, kien qiegħed jispjega dak li l-liġi stess tikkontempla. Fi ftit kliem, l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri ma użurpax ir-rażoċinju tal-ġurati li tħallew il-ħin kollu liberi li jagħmlu l-evalwazzjoni li kellhom jagħmlu tal-provi miġjuba. Kwindi anke dan l-aggravju hu miċħud.

[22] Paġni 23 – 24 *ibidem*.

**61.** **<u>Fatti fl-Indirizz</u>**: Hawn l-appellant jilmenta li l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri ma żammx ma' dak li jgħid l-artikolu 465 tal-Kodiċi Kriminali li l-Imħallef fl-indirizz għandu jiġbor "fil-qosor" ix-xiehda tax-xhieda. Jilmenta li meta l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri rrefera għal dak li qal Mobarak, l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri qal li n-notamenti tiegħu setgħu ma kinux preċiżi; li kull meta d-difiża kkontrastat lil Mobarak ma' dak li kien qal fl-Istruttorja, dak li ġie kkontrastat bih ma ġiex indikat, anzi xi minn daqqiet il-Qorti għamlitu qisu Mobarak kien qed jgħid hekk fil-ġuri stess; li l-Qorti ndikat fatti li ma kinux ċari dwar dan ix-xhud; li meta l-Qorti ġiet biex tgħid dak li seħħ waqt il-konfront, inqabeż dak kollu li qal l-Ispettur Theuma dwar Reno u l-*controlled delivery*, anzi tgħid li ġie konfermat illi Reno tas-Saqqajja kien l-istess Reno li ssemma, mingħajr ma tgħid min qal dan id-diskors iżda b'mod li jidher li qalu Mobarak; li ma tat l-ebda direzzjoni li dak li ntqal kien *hearsay evidence*, anzi b'mod preġudizzjali qalet illi l-*hearsay evidence* kien biss għal dak li qal l-Ispettur li kienu qalulu l-pulizija li ġara s-Saqqajja. Mill-banda l-oħra, jilmenta l-appellant, meta l-Qorti ġiet biex tgħid x'kien qal l-appellant, mhux biss qrat in-notamenti tagħha iżda anke fakkret x'għamlet il-Qorti f'dak l-istadju, bħal per eżempju meta qalet lill-appellant biex ma jgħajjatx u jikkalma. Meta mbagħad l-appellant qal li Satariano kien jafu u kien mar jistad miegħu, il-Qorti ma semmietx li qal ukoll li kien imur għall-pjaċir u mhux bħala baħri.

**62.** Frankament ftit għandha xi tgħid din il-Qorti dwar dan l-aggravju. L-artikolu 465 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi, *inter alia*, li fl-indirizz l-Imħallef li jippresjedi l-ġuri għandu "jiġbor fil-qosor, bil-mod li jidhirlu meħtieġ, ix-xiehda tax-xhieda u l-provi li jkunu marbutin magħhom". Kemm ir-rakkont ikun "fil-qosor", jiddependi mit-tul tax-xiehda ta' kull xhud partikolari. Mill-banda l-oħra lanqas ma huwa l-Imħallef obbligat li jirrakkonta kelma b'kelma kull ma jkunu qalu x-xhieda. Imbagħad qabel ma beda l-ġabra tal-provi, l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri għamel dan l-avvertiment:

> "Issa ħa ngħidilkom minn issa stess, jiena m'inhix stenografu, m'inhix *shorthand typist*, m'inhix obbligat ngħid kull ma qalu x-xhieda, imma sempliċement niġbor fil-qosor dak illi rriżulta hawnhekk. Safejn stajt u ktubt ser naqralkom dak li ktibt, mhux neċessarjament huwa korrett, mhux neċessarjament huwa komplet, imma bażikament jirrifletti x'ġara u ma ġarax. Imma ser ngħidilkom kien hemm partijiet kbar speċjalment waqt il-kontro-eżmi li sar lil Mubarak, li ma stajtx inlaħħaq jien għax jew ser noqgħod nifhem x'qed isaqsi u rrid inwaqqfu jekk ma ssaqshiex sew u nikkontrolla xi nterruzzjoni min-naħa l-oħra jew ser nikteb. U hemmhekk jekk ikollkom xi diffikulta` partikolari, qed ngħidilkom minn issa, tistgħu tirreferu għat-*tape-recording* li hemm tagħha x-xiehda.... *Again* jekk jiena ħallejt xi ħaġa barra jew nenfasizza xi ħaġa jew inkella ngħid xi ħaġa ħażina, għax jista' jkun li ħadt żball waqt li qed nikteb jien, toqogħdux fuqi' Jiena sempliċement hawn għandi l-obbligu li niġbor fil-qosor il-provi li nġabu hawn, fil-qosor. Mhux obbligat nerġa' nirrepetilkom kelma b'kelma li ntqal. Fejn nista'

> nagħmel hekk ser nagħmel hekk, fejn ma nistax araw intom imbagħad min-notamenti li ħadtu intom u li tiftakru intom – suppost li kontu qegħdin tagħmlu attenzjoni daqs kemm kont qed nagħmel jien."[23]

**63.** Għalhekk, dan l-aggravju ta' l-appellant mhuwiex qiegħed jiġi milqugħ.

**64.** Aggravju ieħor ta' l-appellant hu li huwa nstab **ħati ħażin fuq il-fatti**. Jgħid illi huwa qatt ma ammetta involviment f'dan il-każ. Huwa jissenjala diversi punti fil-verżjoni ta' Mobarak li, skond l-appellant, "mhumiex verosimili, konsistenti jew kredibbli". Jilmenta mill-ġdid li l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri ma widdbitx lill-ġurati li r-risposti li ta l-Ispettur Dennis Theuma fir-rigward tal-*controlled delivery* kienu kollha inammissibbli, u li lanqas prova ma kien hemm li kien qed isir *controlled delivery*. Jgħid li ma hemmx il-prova li hu ta d-droga lil Mobarak. L-appellant jindika wkoll inkonsistenzi bejn dak li qal Mobarak u dak li qalu l-pulizija, konflitt ta' provi bejn it-teżi tal-prosekuzzjoni u dik tad-difiża. L-appellant jgħid ukoll illi t-testimonjanza li ta Mobarak kienet intiża biex jibbenefika minn tnaqqis fil-piena, iżda fil-verita` kollox juri li huwa bniedem li jivvinta.

**65.** L-appellant jirreferi wkoll għall-prova ċirkostanzjali tat-*tape* tal-*plastic* li allegatament jaqbel mal-kontenitur tat-*tape* li fiha kienet ir-raża. Jgħid illi x-xhieda ma qablux fid-deskrizzjoni tagħhom ta' dak li allegatament instab f'munzell skart fi propjeta` ta' terzi. Il-prosekuzzjoni allegat li nstab *tape* li kien jaqbel ma' l-għatu ta' speċi ta' kontenitur tat-*tape* li fih instabet id-droga. "Ovvjament", jgħid l-appellant, "dan kien tentattiv sabiex il-prosekuzzjoni torbot lill-akkużat li kien hu li rema dak l-għatu u li allura dak il-kontenitur imsemmi kien xi darba fil-pussess tiegħu." U jkompli jissottometti l-appellant:

> "Meta dawn l-allegati oġġetti nstabu fil-munzell irmixk imsemmi, ittieħdu ritratti mis-*scene-of-crime officer* li, kif diġa ntqal, lanqas seta' jikkonferma x'kienu dawn, fejn instabu u għalfejn ħa r-ritratti tagħhom.
>
> "Il-perit Mifsud jgħid illi hu għamel *mechanical fit* bejn dan l-allegat għatu u qabblu mal-kontenitur imsemmi. L-esponenti mhux swer joqgħod jidħol f'diskussjoni kemm dan kien korrett. Li jingħad biss hu li meta l-ispiżjar Mifsud ġie muri r-ritratti li ffigua dak li nstab fil-munzell tal-irmixk, qal kategorikament li l-ebda wieħed minn dawk l-oġġetti ma kien dak li hu qabbel mal-kontenitur. Ifisser dan kollu, illi anke jekk għall-grazzja tal-argument kien hemm *match* dan ma kienx mat-*tape* li nstab fil-munzell. Fejn iwassalna dan? Iwassalne għal nuqqas ta' rabta bejn dak li Mifsud għamel l-eżami bih ma' dak li allegatament instab fl-għalqa biswit ir-razzett.

[23] Paġna 30 *ibidem*.

> "Leġittimament u raġjonevolment għalhekk ma hemm l-ebda prova li twasslek għal direzzjoni li torbot lill-akkużat ma' dak il-kontenitur. Jingħad li nstabu marki tas-swaba' fuq it-*tape* iżda meta mqabbla dawn ma kinux tal-esponent."

**66.** Dan l-aggravju jirrikjedi apprezzament mill-ġdid tal-provi. Għalhekk, dak li din il-Qorti issa trid tara huwa jekk il-ġurati setgħux legalment u raġjonevolment jaslu għall-konklużjoni li effettivament waslu għaliha fir-rigward ta' l-ewwel tliet Kapi ta' l-Att ta' Akkuża.[24] In eżekuzzjoni ta' din il-funzjoni tagħha, hi eżaminat dettaljatament l-atti proċesswali, inklużi t-traskrizzjonijiet kollha tax-xiehda, it-traskrizzjoni ta' l-indirizz ta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri, id-dokumenti esibiti u l-atti kollha tal-kumpilazzjoni. Inoltre ħasbet fit-tul fuq is-sottomissjonijiet tal-partijiet, u l-konklużjonijiet tagħha huma dawn li ġejjin:

(i) M'hemmx dubju li l-kwistjonijiet kollha rilevanti ta' apprezzament ta' fatt ġew posti għall-konsiderazzjoni tal-ġurati li kienu liberi l-ħin kollu, u ġew diretti f'dan is-sens mill-Imħallef li ppresjeda l-guri, illi jivvalutaw il-provi kollha miġjuba.

(ii) Irid jiġi sottolineat ukoll li l-ġurati kellhom il-vantaġġ li jaraw u jisimgħu x-xhieda kollha. B'hekk, wara deliberazzjoni dwar dak kollu li nġab a konoxxenza tagħhom tul il-ġuri, wara eżami u kontro-eżami tax-xhieda, wara li kellhom l-opportunita` iqisu "l-imġieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda, inkluż ta' l-appellant stess, u "tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda", u "jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ" (artikolu 637 tal-Kap. 9), wara li semgħu s-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiża, u wara li ġew ben indirizzati mill-Imħallef li ppresjeda l-ġuri (salv l-osservazzjonijiet li din il-Qorti għamlet *supra*), waslu għall-konklużjoni li kellhom isibu ħtija ta' l-ewwel tliet Kapi ta' l-Att ta' Akkuża (ir-Raba' Kap hu kkunsidrat aktar 'l isfel f'din is-sentenza).

[24] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

(iii) Mill-provi jirriżulta illi fil-lejl ta' bejn il-21 u t-22 ta' Diċembru 2005 ġie arrestat fis-Saqqajja, ir-Rabat (Malta) ċertu Ekramy Abdel Aziz Mobarak li fil-karozza li kien biha dakinhar kellu pakkett kontenenti disgħa u ħamsin blokka li minn eżami forensiku[25] rriżulta li kienu raża tal-*cannabis* tal-piż nett totali ta' 14,367.9 grammi, b'purita` ta' ċirka 24.4%. Il-valur ta' din id-droga, skond ir-rapport ippreżentat mill-Ispiżjar Mario Mifsud fil-25 ta' Lulju 2007 fl-Istruttorja kien ta' Lm36,988 ekwivalenti llum għal €86,158.86.

(iv) Mobarak qal li kien hemm persuni oħra li ltaqa' magħhom is-Saqqajja u li kien miftiehem magħhom biex jgħaddilhom id-droga. Fl-Istruttorja jsemmi "Noel" u "Clifton", meta xehed waqt il-ġuri "Reno Buhagiar" li jgħajjatlu "Leli" u "Noel". Imbagħad spjega li t-tieni persuna kienet "Clifton" jew "Clive", mhux "Noel", u li dan rah il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija u għarfu bħala pulizija. Jgħid li ħin minnhom "Leli" rikeb miegħu, marru r-razzett ta' l-appellant mnejn ġabu d-droga, u rritornaw is-Saqqajja. Hemmhekk "Leli" niżel mill-karozza, suppost biex iġiblu l-flus, u kif allontana ftit marru fuq Mobarak il-pulizija. Il-membri ta' l-Iskwadra kontra d-Droga ma jsemmu xejn dwar dawn il-movimenti, anzi jindikaw li Mobarak kien waħdu. Huwa minnu illi meta l-pulizija marru fuq Mobarak huwa kien waħdu fil-karozza tiegħu, iżda l-mistoqsija hi għaliex il-pulizija ma semmew xejn dwar dawk il-persuni li Mobarak jgħid li kien hemm.

(v) Ir-risposta tidher li ngħatat matul il-ġuri meta l-Ispettur Dennis Theuma qal li kien qiegħed isir *controlled delivery*. Il-prosekuzzjoni tgħid illi kull ma kienu qegħdin jagħmlu l-pulizija kien illi kienu qegħdin jipproteġu s-sors ta' l-informazzjoni tagħhom, fi ftit kliem, min kien qiegħed jassisti fil-*controlled delivery*. Huwa minnu illi jekk kien qiegħed isir *controlled delivery* dan kien fil-konfront ta' Mobarak, iżda din il-Qorti xorta hi tal-fehma li l-pulizija kellha tippreżenta l-istampa sħiħa mill-ewwel. Fi kwalunkwe każ din il-Qorti sejra tiskarta għal kollox dak li ntqal jew seta' ntqal dwar *controlled delivery* peress illi (1) ma ġiet ippreżentata l-ebda prova ta' l-awtorizżazzjoni meħtieġa biex isir *controlled delivery*; (2) bħalma anke qal l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri, ix-xiehda ta' l-Ispettur Dennis Theuma dwar dak li qalulu l-pulizija (naturalment dwar dak li ġara s-Saqqajja) kien biss *hearsay*; (3) jekk saret talba biex isir *controlled delivery*, din ma saritx mill-Ispettur Theuma; (4) fl-aħħar mill-aħħar, kienx hemm jew ma kienx hemm awtorizżazzjoni ma hu ta' ebda rilevanza fil-konfront ta' l-appellant.

(vi) Irid jingħad, pero`, bla eżitazzjoni illi mill-ammont ta' droga li l-pulizija sabu fil-pussess ta' Mobarak jidher ċar li din ma kinitx għall-użu tiegħu u li l-intenzjoni kienet sabiex tiġi traffikata. Il-presenza ta' Mobarak is-Saqqajja fil-

[25] Ara r-relazzjoni Dok MM ta' l-Ispiżjar Mario Mifsud esebit fl-Istruttorja fit-13 ta' Marzu 2006.

ħinijiet bikrin tat-22 ta' Diċembru 2005 (għall-ħabta tas-1.00 a.m.) tista' tiġi spjegata biss fis-sens illi kien se jsir "deal" ta' dik id-droga li kienet fil-pussess tiegħu. Huwa ferm verosimili għalhekk dak li xehed Mobarak dwar il-presenza tal-persuni l-oħra fil-lejl in kwistjoni.

(vii) Issa, it-teżi ta' l-appellant hi sempliċi: hu ma kellu x'jaqsam xejn mad-droga; lil Mobarak ma kienx jafu; u Mobarak hu giddieb.

(viii) Mill-banda l-oħra Mobarak konsistentement indika lill-appellant bħala l-persuna li għaddhielu d-droga in kwistjoni.

(ix) Mobarak jgħid li sar jaf lill-appellant in konnessjoni ma' dan id-*deal*. L-appellant jgħid li lil Mobarak ma kienx jafu u li kienet qed issirlu vendikazzjoni. Jekk ma kienx jaf lil Mobarak, ma kien hemm l-ebda raġuni biex Mobarak jagħmel vendikazzjoni lill-appellant. Difatti ma ġiet avvanzata l-ebda raġuni għaliex Mobarak kellu jivvinta fuq l-appellant.

(x) L-appellant jgħid li huwa ġie arrestat xi 200 metru 'l bogħod mir-razzett tiegħu mnejn kien ġej. Dan kien xi ħin bejn is-1.00 a.m. u s-2.00 a.m. u qal li kien sejjer id-dar għaċ-ċwievet sabiex imur lura r-razzett jorqod hemm. L-appellant ma ta l-ebda spjegazzjoni x'kien qiegħed jagħmel ir-razzett f'dak il-ħin tal-lejl meta lanqas ċwievet ma kellu. U jekk kien intenzjonat jorqod hemm, għaliex ma niżżilx iċ-ċwievet miegħu minn qabel?

(xi) L-appellant ma setax jispjega kif Mobarak kien jaf ċerti dettalji fuqu, per eżempju li għandu dgħajsa tas-sajd u li jgħidulu Indri. Fl-Istruttorja Mobarak xehed ukoll illi f'wieħed mill-inkontri ma' l-appellant, saqsieh għat-telefon u l-appellant wieġbu "li telefon ma jużax". Din evidentement kienet referenza għal *mobile phone*. Issa, filwaqt illi fir-relazzjoni tiegħu dwar il-*mobile* ta' l-appellant Dr. Steven Farrugia Sacco indika li "allavolja ma jistax ikun li dan il-*mobile phone* ntuża nqas minn hekk jista' jkun li ntuża aktar minħabba l-fatt li l-*mobile phone* għandu l-faċilita` tal-*Clear Timers* li permezz tagħha l-ħin jiġi ażżerat", mill-iskedi jidher illi l-*missed calls, received calls* u *dialled calls* reġistrati saru fis-sena 2003, aktar minn sentejn qabel dan il-każ.

(xii) F'tarf il-bitħa tar-razzett hemm ċint ta' ħames filati u warajh propjeta` ta' terzi. Wara dan iċ-ċint kien jintrema l-iskart.[26] L-appellant stess ammetta li ġieli rema xi skart hemm. Propju ma' dan l-iskart, kelb tal-pulizija ssenjala xkora blu u għatu. Dawn jidhru fir-ritratti 05DYI-JC23 u 05DYI-JC24 fil-faxxikolu fotografiku esebit minn P.S.239 Joseph Caruana fl-Istruttorja fit-13 ta' Marzu

[26] Ara ritratti 06BIK15 u 06BIK16 fil-faxxikolu fotografiku esebit minn P.S. 239 Joseph Caruana fl-Istruttorja fit-28 ta' Ġunju 2006.

2006. Mir-ritratti 05DYI-JC101 u DYI-JC102 fl-istess faxxikolu fotografiku, kif ukoll mir-relazzjoni ta' l-Ispiżjar Mario Mifsud,[27] jidher ċar il-*mechanical fit* bejn dak l-għatu u l-pakkett li kien jikkontjeni d-droga u li nstabet fil-karozza li kienet misjuqa minn Mobarak.

(xiii) L-imsemmi pakkett kien qiegħed ġo kannestru ta' l-injam u, skond Mobarak, tħalla fuq ċint baxx tas-sejjiegħ hekk kif tidħol fil-bitħa tar-razzett fuq il-lemin. Dan iċ-ċint jidher fir-ritratti 06BIK3, 06BIK4 u 06BIK5 fil-faxxikolu fotografiku esebit minn P.S. 239 Joseph Caruana fit-28 ta' Ġunju 2006. Propju wara ċ-ċint hemm numru ta' kannestri ta' l-injam simili għal dak li fih instabet id-droga.

(xiv) Meta jitqies dak li xehed Mobarak dwar l-involviment ta' l-appellant u n-numru ta' provi oħra ċirkostanzjali msemmija, konsiderando illi l-ġurati, kif diġa` ngħad, setgħu jaraw u jisimgħu x-xhieda, din il-Qorti hi tal-fehma li huma setgħu legalment u raġjonevolment jaslu għall-konklużjoni illi l-appellant kien ħati ta' l-ewwel tliet Kapi ta' l-Att ta' Akkuża.

**67.** **Aggravju ieħor** jirrigwarda r-Raba' Kap ta' l-Att ta' Akkuża. Huwa jgħid illi mill-provi ma jirriżultax illi huwa dilettant tal-kaċċa u lanqas għandu xi liċenzja biex iġorr jew iżomm arma tan-nar. Jgħid li rriżulta mix-xiehda ta' ibnu fil-ġuri li l-għasafar in kwistjoni kienu tiegħu u li ma kienx qal lil missieru li kien poġġihom fil-freezer. Huwa xehed li ma kienx jaf bihom. Għalhekk, skond l-appellant, il-prosekuzzjoni ma ppruvatx mingħajr dubju raġjonevoli li dawk l-għasafar kienu fil-pussess xjenti tiegħu.

**68.** Meta xehed fil-ġuri l-appellant ma semma xejn dwar l-għasafar waqt l-eżami. In kontro-eżami mbagħad dak li qal kien li l-għasafar kienu "tat-tifel vera dawk ma nistax niċħada", li ġol-friża "kien hemm il-kaxxi tal-lixka u l-għasafar magħhom", u meta mistoqsi kienx jaf x'inhuma dawk l-għasafar, li mhuwiex dilettant u "jiena ma jinteressanix l-għasafar għax m'inhix dilettant". Mela, fl-ebda ħin ma qal l-appellant li ma kienx jaf bl-għasafar. Konsegwentement anke fir-rigward tar-Raba' Kap il-ġurati setgħu legalment u raġjonevolment isibu lill-appellant ħati.

**69.** **L-aħħar aggravju** huwa dwar il-piena li l-appellant iqis eċċessiva għalkemm fil-parametri tal-liġi.

**70.** In materja ta' piena l-prinċipju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-għoti tal-piena sakemm din ma

[27] Esebit fl-Istruttorja fit-13 ta' Marzu 2006.

tkunx toħroġ barra mil-limiti stipulati fil-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt ingħatat[28].

**71.** Fir-rigward tal-piena nflitta fil-każ in eżami m'hemmx dubju li din hi fil-parametri tal-liġi. Difatti l-piena massima applikabbli f'dan il-każ, kif anke rikjesta mill-Avukat Ġenerali fl-Att ta' Akkuża fir-rigward ta' l-ewwel tliet Kapi hija dik ta' priġunerija għall-għomor.

**72.** Din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax illi l-każ in eżami jirrigwarda ammont sinifikanti ta' droga. L-ewwel tliet akkużi, fil-fatt jittrattaw reati serji u l-piena trid għalhekk tirrifletti l-gravita` tagħhom. F'**Ir-Repubbblika ta' Malta v. Basam Mohamed Gaballa Ben Khial**, deċiż fid-19 ta' Frar 2004, intqal **"fejn si tratta ta' traffikar tad-droga (inkluza importazzjoni) l-element tad-deterrent ġenerali fil-piena hija konsiderazzjoni ewlenija li kull Qorti ta' Ġustizzja Kriminali għandha żżomm f'moħħha fil-għoti tal-piena, basta, s'intendi, li jkun hemm element ta' proporzjonalita` bejn il-fattispeċi partikolari tal-każ u l-piena erogata (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-16 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta' Malta v. Thafer Idris Gaballah Salem*)."** Difatti, f' **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thafer Idris Gaballah Salem**, intqal: **"Ma hemmx dubbju li l-element ta' deterrent, speċjalment fil-każ ta' reati premeditati (a differenza ta' dawk li jiġu kommessi "on the spur of the moment") hi konsiderazzjoni leġittima li Qorti tista', u ħafna drabi għandha, iżżomm quddiem għajnejha fil-għoti tal-piena…. S'intendi, hemm dejjem l-element tal-proporzjonalita`: qorti ma tistax, bl-iskuża tad-"deterrent", tagħti piena li ma tkunx ġustifikata fuq il-fatti li jirriżultaw mill-provi."**

**73.** Wara li din il-Qorti qieset dan kollu, wara li qieset ukoll li l-piena nflitta mill-ewwel Qorti mhux biss hi fil-parametri tal-liġi iżda hi ferm il-bogħod minn dik massima stabbilita mil-liġi, u li ġiet imposta mill-ewwel Qorti fid-diskrezzjoni tagħha, u wara li din il-Qorti għamlet ukoll eżami akkurat ta' l-atti, hi tal-fehma li ma hemm l-ebda raġuni valida legalment sabiex tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti kif eżerċitata f'dak li huwa l-quantum tal-piena, kemm dik karċerarja kif ukoll dik pekunjarja.

[28] Ara, fost oħrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

**74.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell, tikkonferma fl-intier is-sentenza appellata, b'dan li l-perijodu għall-ħlas ta' l-ispejjez peritali  kif ukoll il-perijodu sabiex l-Avukat Ġenerali jindika b'nota jekk id-droga esebita hijiex meħtieġa in konnessjoni ma xi proċeduri kriminali kontra terzi persuni jibdew jiddekorru millum.